



Dokument ta' sessjoni

A9-0068/2024

5.3.2024

RAPPORT

dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2023/2220(BUI))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Victor Negrescu

WERREJ

	Pàgna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	20
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN	21
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.....	23
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT	28
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	32
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	41
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA.....	48
ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU	52
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI	57
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	60
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	63
ITTRA TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS- SESSI.....	67
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	72
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	73

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament rivedut tal-Kunsill (UE, Euratom) xxx li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ir-Reviżjoni tal-QFP),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/2496 tal-15 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027¹,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027²,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027³ u d-dikjarazzjonijiet konġunti maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'dan il-kuntest⁴ u d-dikjarazzjonijiet unilaterali relatati⁵,
- wara li kkunsidra r-rapport interim tiegħu dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027⁶,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2024 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027⁷,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-impatt fuq il-baġit tal-UE tal-2024 taż-żieda tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru⁸,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar it-titjib tal-qafas

¹ ĠU L 325, 20.12.2022, p. 11.

² ĠU C 445, 29.10.2021, p. 240.

³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

⁴ ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 4.

⁵ Testi adottati, P9_TA(2020)0357.

⁶ Testi adottati, P9_TA(2023)0335.

⁷ Testi adottati P9_TA(2024)0082.

⁸ Testi adottati, P9_TA(2023)0194.

- finanzjarju pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi godda⁹,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (COM(2022)0223),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f' materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda¹⁰,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹¹,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2021 għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2021)0570) u l-pożizzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2022 dwar il-proposta¹²,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19¹³,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni¹⁴,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 bi tweġiba għaliha¹⁵,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),
 - wara li kkunsidra l-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tat-13 ta' Diċembru 2017¹⁶ u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar

⁹ ĠU C 177, 17.5.2023, p. 115.

¹⁰ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

¹¹ ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

¹² ĠU C 167, 11.5.2023, p. 162.

¹³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23.

¹⁴ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

¹⁵ ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

¹⁶ ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

2017 dwarha¹⁷, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Dikjarazzjoni ta' Porto dwar l-affarijiet soċjali adottata mill-membri tal-Kunsill Ewropew f' Mejju 2021,

- wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025,
- wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri “L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f' azzjoni” 2021,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2023 bit-titolu “Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti” (COM(2023)0062),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”) u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (COM(2023)335);
- wara li kkunsidra l-proposta tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024¹⁸ u d-dikjarazzjonijiet konġunti maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni li huma annessi miegħu,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' ... dwar il-linji gwida baġitarji għall-2025 (00000/2024),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-ittri tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0068/2024),

Baġit tal-UE għall-2025 iffukat fuq in-nies: Investimenti mfassla apposta biex itejbu l-ħajja tan-nies u jagħtu spinta lill-kompetittività tal-Unjoni

¹⁷ ĠU C 242, 10.7.2018, p. 24.

¹⁸ ĠU L 207, 22.2.2024, p. 1.

1. Jinsab konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali u ġeopolitika, pressjoni finanzjarja, tibdil fil-klima u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust, flessibbli, orjentat lejn l-investiment jibqa' strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet dejjem jżiedu tan-nies, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, kif ukoll jiġu żgurati l-prosperità u s-sigurtà tan-nies u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE tingħata spinta;
2. Jenfasizza ċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja tal-2025, li qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali qawwija, u f'sena elettorali meta l-Parlament u l-Kummissjoni se jkollhom jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura; huwa konxju bis-sħiħ tar-restrizzjonijiet kalendarji severi iżda inevitabbli u jistieden lill-atturi kollha jqisuhom kif xieraq b'mentalità kostruttiva;
3. Jiddispjaċih ħafna dwar il-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmim l-2023; jinnota, għalhekk, li kellu jniedi l-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju sew tal-marġnijiet sfortunatament stretti ħafna, u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP;
4. Iqis li l-eżitu tar-reviżjoni tal-QFP ma laħaqx l-aspirazzjonijiet inizjali tal-PE; jissottolinja li reviżjoni tar-regolament QFP hija prerekwiżit essenzjali għall-iżgurar ta' appoġġ finanzjarju fuq terminu medju għall-Ukrajna, biex ikun possibbli finanzjament akbar għal prijoritajiet ta' politika mmirati, inkluża l-promozzjoni tal-awtonomija strateġika tal-UE, u biex jiġu ssalvagwardjati l-programmi tal-Unjoni u l-flessibbiltà tal-baġit fid-dawl ta' rati tal-imġħax oġhla minn daww imbassra u għalhekk kostijiet tas-self tal-Unjoni oġhla minn daww programmati; jinnota li l-proċedura baġitarja annwali tal-2025 se tkun l-ewwel eżerċizzju bbażat kompletament fuq ir-Regolament QFP rivedut;
5. Ifakkar li d-Dikjarazzjoni Konġunta maqbula mit-tliet istituzzjonijiet bħala parti mill-ftehim dwar il-QFP tal-2020, fejn in-nefqa biex jiġu koperti l-kostijiet ta' finanzjament tan-Next Generation EU "għandu jkollha l-għan li ma tnaqqasx il-programmi u l-fondi", għadha tapplika u sservi bħala punt ta' referenza għall-awtorità baġitarja, b'mod partikolari għall-mobilizzazzjoni tal-istrument EURI biex tiġi koperta mill-inqas parti mid-defiċit b'raba mal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU; għandu l-ħsieb, għalhekk, li jiżgura li l-programmi kollha jkollhom ir-riżorsi xierqa u jinżammu l-flessibbiltà u l-kapaċità ta' rispons tal-baġit tul il-proċedura baġitarja annwali; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni affidabbli, f'waqtha u preċiża dwar il-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU u dwar l-iżborżi mistennija tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tul il-proċedura baġitarja;
6. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni japplikaw b'mod sħiħ ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jisħaq b'mod partikolari li l-konformità mal-istat tad-dritt hija prerekwiżit fundamentali għall-aċċess għall-fondi tal-UE; jisħaq li l-fondi ma jistgħux jiġu żborżati jekk l-Istati Membri ma jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti kollha; itenni li kwistjonijiet sistemiċi b'raba mal-istat tad-dritt, bħall-ksur tal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat jew tentattivi reċenti f'xi Stati Membri biex tiġi attakkata l-indipendenza tal-ġudikatura jikkostitwixxu riskji ċari għall-interessi finanzjarji tal-UE u għall-protezzjoni tal-Baġit tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni ma tippermetti li jkun

hemm l-ebda rigress fil-kisbiet fil-qasam tal-istat tad-dritt; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura bħala kwistjoni ta' urġenza li l-fondi sospiżi tal-UE jaslu għand iċ-ċittadini, in-negozji, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u kwalunkwe parti kkonċernata oħra rilevanti permezz ta' gvernijiet lokali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f'konformità mar-reġim ta' Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;

7. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu legali għall-UE u partita ta' nefqa mhux diskrezzjonarja fil-baġit tal-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-EURI kellhom jitqiegħdu kompletament fi strument speċjali tal-EURI li jmur lil hinn mill-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġi restawrat f'it marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġni Uniku; se jistinka biex jiżgura li l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kaskata tal-EURI fil-QFP rivedut ma tirriżultax f'arranġamenti li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa programmata jew għad-disponibbiltajiet taħt l-istrumenti speċjali mhux tematiċi;
8. Ifakkar li l-ekonomija Ewropea hija mbassra¹⁹ li tikber b'mod modest ħafna (0,9 % fl-2024 u 1,7 % fl-2025), filwaqt li l-inflazzjoni mistennija tibqa' sostanzjalment ogħla minn 2 % u dan jintuża bħala deflatur awtomatiku għall-QFP (3,0 % fl-2024 u 2,5 % fl-2025); jirrikonoxxi li dan ifisser tnaqqis kontinwu fil-kapaċità tal-akkwist għal baġit li jrid jibqa' f'bilanċ u li huwa limitat b'ammonti assoluti; jenfasizza r-rata baxxa ħafna ta' għbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) f'dawn l-aħħar snin (0,46 % fl-abbozz ta' baġit tal-2024), bħala riżultat tal-effett ikkombinat tal-inflazzjoni, tal-livelli baxxi ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u ta' introjtu ogħla minn xi riżorsi proprji oħra; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li r-ribassi u mekkaniżmi oħra ta' korrezzjoni jenħtieġ li jiġu aboliti b'mod permanenti u li, sakemm jitneħħew b'mod permanenti, it-tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq l-ING għandu jkun soġġett għal deflatur fiss sa massimu ta' 2 % fis-sena;
9. Jiddeplora n-nuqqas ta' progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni, li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi innovattivi ġenwini ta' dħul, skont il-pjan direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali, isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li jirriżulta mis-self tan-Next Generation EU u b'hekk tiproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi biex tidentifika riżorsi proprji innovattivi, ġodda u preferibbilment ġenwini u sorsi oħra ta' dħul għall-baġit tal-UE lil hinn mill-FII;
10. Jiddispijaċi għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata b'mod sever minn skarsezzi baġitarji u

¹⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, "[Winter 2024 Economic Forecast: A delayed rebound in growth amid faster easing of inflation](#)" (It-Tbassir Ekonomiku tax-Xitwa 2024: It-tkabbir jirkupra bil-mod fost tnaqqis aktar mgħaġġel tal-inflazzjoni)", 2023.

biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli u li jqis ukoll l-aspettattivi akbar taċ-ċittadini tal-UE; ifakkar li huwa meħtiegħ li jiġi stabbilit strument speċjali addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom;

11. Huwa determinat, minkejja dawn il-limitazzjonijiet numerużi, li jżomm pożizzjoni koerenti u unifikata li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi u l-interessi istituzzjonali stabbiliti tiegħu inkluż it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni, it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi, l-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija nadifa, l-iżgurar tal-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-integrazzjoni tal-klima u l-bijodiversità, it-titjib tal-kapaċitajiet tas-sigurtà u d-difiża tagħha kif ukoll il-kontribut għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali filwaqt li jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq il-programmi emblematiċi u jimmassimizzaw il-benefiċċji sekondarji tat-tkabbir ekonomiku għall-persuni kollha l-UE;

Baġit ekwu, ġust u inklużiv li joffri opportunitajiet aħjar liċ-ċittadini kollha tal-UE u jiżgura t-tkabbir ekonomiku

12. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom kollha tal-UE u jfakkar fir-rwol ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u aċċessibbli f'dan ir-rigward; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibilità għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibilità pertinenti, u jimmassimizza l-possibilitajiet għall-finanzjament bl-ingranaġġ ta' fondi eżistenti; iqis, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE, bħala karatteristika neċessarja għal-leġittimità tagħha, għandu jibqa' jkun kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha;
13. Jissottolinja li l-baġit tal-UE huwa fuq kollox baġit ta' investment b'effett ta' ingranaġġ, jagħti spinta lill-oġettivi u t-tfassil tal-politika tal-Unjoni, jikkomplementa l-politiki nazzjonali u, b'hekk, jindirizza l-ħtiġijiet tan-nies kollha fl-UE; ifakkar fl-importanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiżdied ir-reżiljenza tal-Unjoni u jittaffew l-impatti soċjoekonomiċi tal-kriżijiet tal-passat u dawk li għaddejjin; jemmen li għandu jittieħed kull sforz biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE jintefqu b'mod effettiv u mingħajr aktar dewmien;
14. Huwa determinat bis-sħiħ li juża l-baġit tal-UE biex jagħmel differenza tanġibbli u viżibbli għaċ-ċittadini, għall-ekonomija fis-suq uniku u biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku billi jappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità f'industriji avvanzati, il-validità għall-futur tas-suq tax-xogħol permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet u skemi li jagħtu spinta lit-talent, li jiġġieldu l-qgħad, isaħħu l-kompetittività Ewropea u jżidu l-prontezza tad-difiża tal-Unjoni; iqis li l-awtonomija teknoloġika u t-tkabbir sostenibbli huma essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima fuq żmien twil; itenni t-talba tiegħu biex jinżamm finanzjament adegwat biex jiġu appoġġjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) bħala s-sinsla tal-ekonomija Ewropea, in-negozji ġodda u ż-żgħażaġħ, il-bdiewa, l-għalliema u l-ħaddiema tat-trasport; jissottolinja l-ħtieġa li tittejjeb aktar l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport, isir investment fit-titjib tas-servizzi tas-saħħa u tal-assistenza soċjali pubblika, il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali u territorjali, u fl-appoġġ ta' komunitajiet vulnerabbli, remoti u rurali inklużi rħula intelliġenti; jirrimarka li l-baġit jeħtieġ li jiżgura t-tranżizzjoni ekoloġika filwaqt li jappoġġja agrikoltura ta' kwalità, u filwaqt li jiżgura aċċess għal saħħa u edukazzjoni

ta' kwalità;

15. Jisħaq fuq l-impatt sinifikanti tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq il-kompetittività, it-tkabbir fuq terminu twil u l-impjiegi fl-Unjoni Ewropea; ifakkar fl-inizjattiva li ilha teżisti biex timbotta l-intensità tal-investment tal-UE fir-riċerka u l-iżvilupp għal 3 % tal-PDG; jirrikonoxxi d-differenza eżistenti bejn l-objettiv u l-finanzjament attwali pprovdut; jissottolinja li s-supremazija teknoloġika Ewropea hija essenzjali fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u l-Unjoni tas-Saħħa billi dan joħloq impjiegi b'ħiliet għolja fl-Unjoni tul il-katina tal-valur kollha, u jsaħħaħ l-eċċellenza tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni; jinsab imħasseb ħafna li l-fondi disponibbli jkopru biss frazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi kollha, għax dan jirriżulta f'livelli għoljin ta' sottomskrizzjoni żejda ta' programmi u riċerkaturi li jħallu l-Unjoni għal reġjuni kompetituri;
16. Jisħaq li jridu jiġu pprovduti soluzzjonijiet sostenibbli u fit-tul sabiex jiġu miġġielda b'suċċess l-isfidi demografiċi strutturali, kif ukoll biex jittaffa l-eżodu ta' mħuħ f'reġjuni u bliet inqas żviluppati fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' riżorsi finanzjarji biex ir-reġjuni li qed ibatu minn depopolazzjoni jerġgħu jingħataw il-ħajja permezz ta' investimenti f'politiki soċjali u demografiċi li jappoġġjaw il-familji u biex il-popolazzjonijiet li qed jixjieħu fl-Ewropa jingħataw appoġġ adegwat f'termini ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, il-mobbiltà u s-servizzi pubbliċi;
17. Jinsisti li għandu jiġi mobilizzat massimu ta' finanzjament possibbli permezz ta' Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jiġu promossi t-tagħlim u l-intraprenditorija u jittejbu l-ħiliet, l-edukazzjoni formali, nonformali u informali kif ukoll l-impjegabbiltà taż-żgħażaġħ, kif ukoll tiġi promossa l-inklużjoni soċjali; itenni l-ħtieġa li jiġi żgurati li ż-żewġ programmi jiggarrantixxu opportunitajiet indaqs, b'enfasi speċjali fuq persuni minn sfondi żvantaġġjati fl-UE kollha u pajjiżi assoċjati; isostni l-fehma tiegħu li l-għotjiet għall-mobbiltà f'Erasmus+ iridu jiġu appoġġjati aktar sabiex ikopru ż-żidiet fl-għoli tal-ħajja u biex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà, l-opportunitajiet indaqs u l-parteċipazzjoni inklużiva, b'mod partikolari billi tiżdied l-għotja minima għal kull parteċipant għal livell xieraq;
18. Jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jstieden lill-Kummissjoni tibda riflessjonijiet dwar metodoloġija għat-traċċar tan-nefqa soċjali fil-baġit tal-UE fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-baġit tal-UE fil-kontribut għal inizjattivi li jirrinforzaw id-djalogu soċjali, u jsaħħu l-azzjonijiet soċjali lokali u reġjonali u jipprovdu aċċess għal kulħadd għal servizzi ewlenin vitali; itenni l-ħtieġa ta' strateġija Ewropea għall-anzjani, b'azzjonijiet speċifiċi biex jiġu miġġielda l-marġinalizzazzjoni, is-solitudni u l-iżolament; ifakkar ukoll fil-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà għall-2021-2030 biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom fl-Unjoni; jenfasizza l-każ tat-trasportaturi Ewropej li qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi differenti f'kull Stat Membru, minn spejjeż li qed jogħlew għal nuqqas ta' kapaċità, u l-ħtieġa għal flessibbiltà u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu r-regoli eżistenti għall-protezzjoni tagħhom u riżorsi addizzjonali allokat biex jimmonitorjaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Istati Membri kollha; jissottolinja f'dan ir-rigward il-benefiċċji tal-iżvilupp ta' għodod tal-IT fil-livell tal-UE li jgħinu fit-titjib tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti burokratiċi u l-

istandardizzazzjoni taċ-ċertifikati;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni effettiva tar-regolamenti tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali sabiex jiġu ffaċilitati l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, u jitħaffef it-trasferiment tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali; jappella biex il-fondi tal-UE jintużaw biex tiġi żviluppata s-sistema ta' Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali u biex tiġi appoġġjata aktar id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għal mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol;
20. Jirrikonoxxi li t-teknoloġija u l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) qed ibiddlu x-xenarju tal-impjiegi malajr; jissottolinja l-potenzjal ekonomiku li t-teknoloġiji affidabbli tal-IA ċċentratu fuq il-bniedem jistgħu jgħibu għat- tkabbir ekonomiku tal-Ewropa waqt li jtejbju l-ħajjiet taċ-ċittadini f' numru ta' oqsma bħas-saħħa, l-agrikoltura, l-enerġija, it-trasport u s-sigurtà; jappella biex dan ikun rifless fil-programmi u l-politiki tal-UE permezz tal-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbju l-ħiliet diġitali bażiċi taċ-ċittadini biex jaqblu mal-ħtiġijiet tal-kumpaniji u biex iċ-ċittadini jiġu mġhammra kontra d-diżinformazzjoni; jappoġġja l-miżuri tal-UE li jikkomplementaw l-istrateġiji nazzjonali tal-impjiegi għar-rikonverżjoni u l-mobbiltà tal-impjiegi fil-livell tal-UE b' mod koordinat, li jħaddnu l-potenzjal ta' dawn il-bidliet għal forza tax-xogħol b' saħħitha u adattabbli inkluż permezz tat-trawwim tat-taħriġ mill-ġdid u l-mobbiltà tal-impjiegi, u b' hekk tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn setturi tal-impjiegi ġodda u emerġenti;
21. Jinsab allarmat bl-għadd dejjem jikber ta' avvenimenti estremi tat-temp, bħal nirien severi, għargħar u diżastri naturali oħra marbuta mat-tibdil fil-klima li qed imur għall-aġar madwar l-Ewropa; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili u jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta' intervent mediku u ta' emerġenza; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riżorsi jkunu jistgħu jsiru disponibbli malajr ukoll permezz tal-FSUE u l-EAR;
22. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament xieraq li għandu jiġi allokat għall-attivitajiet stabbiliti fir-Regolament EU4Health; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandhom impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament u jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi; jappella f' dan ir-rigward għal koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE u akkwist konġunt ta' mediċini sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż; jissottolinja l-importanza li l-mard tat-tfal jiġi indirizzat b' enfasi speċjali fuq mard rari; jisħaq, b' mod partikolari, l-importanza tal-Pjan biex Jingħeleb il-Kanċer; jappella għal baġit ambizzjuż fil-Cluster "Saħħa" f'Orizzont Ewropa biex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tirrispondi b' mod effettiv għall-kriżijiet tas-saħħa futuri, tgħin fit-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u ttejjeb is-saħħa fiżika u mentali tan-nies billi tagħmel il-kura tas-saħħa aktar affordabbli u aċċessibbli; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u s-Saħħa elettronika huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali

għall-kura tas-saħħa; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu evitati n-nuqqasijiet ta' mediċini li ffaċċjaw xi Stati Membri f'dawn l-aħħar snin; jirrikonoxxi li l-inugwaljanzi fis-saħħa jeħtieġ li jitnaqqsu biex tiġi pprovduta saħħa ġusta għan-nisa kollha, inkluż l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva, ifakkar li huwa essenzjali li s-saħħa tan-nisa tibqa' prijorità tal-politika u tar-riċerka;

23. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet mhux l-anqas fil-perspettiva tas-sitwazzjoni f'reġjuni differenti tal-UE; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, speċjalment għall-promozzjoni ta' ħiliet ekoloġiċi u diġitali; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażaġh; jappella biex titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta malajr is-soluzzjonijiet identifikati bħala kruċjali matul is-Sena Ewropea tal-ħiliet, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni aħjar mal-kumpaniji, inkluż it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE u l-waqfien tal-internships mhux imħallsa; wara r-rakkomandazzjonijiet adottati fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola;
24. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri, ifakkar fl-importanza li għandu l-baġit tal-UE fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej minqax fl-Artikolu 2 tat-TUE, il-kultura u d-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej u fil-bini ta' soċjetajiet reżiljenti, u fl-appoġġ tal-prinċipji ewlenin tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, is-solidarjetà, l-inklużività, il-ġustizzja, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jixtieq jara l-linji baġitarji u l-korpi rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, iż-żieda fl-estremiżmu politiku, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, iħeġġeġ id-demokrazija parteċipattiva, jippromwovi d-drittijiet fundamentali, jipprevjeni r-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiekien għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu f'dan il-qasam fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni, u l-strumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; jappella biex jiġu żgurati biżżejjed fondi tal-UE għall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), jenfasizza l-ħidma sinifikanti mwettqa taħt il-fergħa Valuri tal-Unjoni, li tipprovdri finanzjament dirett lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll il-fergħat Daphne, Ugwaljanza u Drittijiet; itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tad-drittijiet u l-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri, organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għall-programm CERV, kif ukoll biex tiggarrantixxi l-flessibbiltà fil-proċess ta' għoti mill-ġdid lill-organizzazzjonijiet lokali u tal-bażi mill-operaturi fl-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament jasal għand dawk li jaħdmu l-eqreb taċ-ċittadini;
25. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tal-Unjoni biex tipproteġi liċ-ċittadini, lill-minoranzi u lill-komunitajiet reliġjużi u lill-ispazji pubbliċi kontra t-theddid terroristiku, tiġġieled kontra r-radikalizzazzjoni u l-kontenut terroristiku online, u tiġġieled kontra ż-

żieda qawwija fid-diskors ta' mibegħda, l-antisemitiżmu, il-mibegħda kontra l-Musulmani u r-razziżmu fl-Ewropa u mad-dinja kollha;

26. Jenfasizza t-theddid u l-perikli li dejjem qed jiżdiedu tal-kampanji ta' diżinformazzjoni organizzati u mmirati kontra l-Unjoni Ewropea minn partijiet ikkonċernati barranin; jitlob finanzjament għal Orizzont Ewropa u attivitajiet taħt il-ġestjoni tal-Kummissjoni u s-SEAE biex jiġġieldu t-tixrid tad-diżinformazzjoni fuq skala kbira u jiżviluppaw kontromiżuri aktar effettivi; jistieden kemm lill-Unjoni kif ukoll lill-Istati Membri biex jużaw il-fondi tal-UE għal attivitajiet iddedikati biex iżidu l-litteriżmu medjatiku fost iċ-ċittadini; jappella għal aktar finanzjament biex jiġu miġġielda d-diskors ta' mibegħda u l-kontenut terroristiku online; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-libertà ġurnalistika u l-pluraliżmu tal-media permezz ta' rizzorsi adegwati, f'konformità mar-regolamenti rilevanti, u li jiġu appoġġjati l-ġurnalisti, inklużi l-ġurnalisti investigattivi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-membri tas-soċjetà ċivili li jiffaċċjaw azzjonijiet ta' ritaljazzjoni bħal kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs); jappella għal appoġġ adegwat għas-settur kulturali, inkluż għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' films, mużika u videogames Ewropej; jitlob għalhekk finanzjament ambizzjuż għall-programm Ewropa Kreattiva;

Baġit li jwettaq il-prijoritajiet strateġiċi

27. Jenfasizza l-importanza li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni f'setturi ewlenin; jilqa' r-Regolament STEP ġdid iżda jindika l-ħtieġa għal twegħiba strutturali għall-ħtiġijiet ta' investment tal-industriji strateġiċi sabiex tagħmilha aktar faċli li jiġu identifikati, żviluppati u mkabbra teknoloġiji innovattivi; jiddispaċih għall-fatt li l-livell eżistenti ta' finanzjament ta' Orizzont Ewropa mhux jidher f'dan ir-rigward u jappella għal żieda fil-finanzjament għal Orizzont Ewropa u programmi tal-Unjoni ewlenin oħra f'dan il-qasam, bħal InvestEU, biex jintlaħaq l-għan ta' awtonomija strateġika miftuħa; iqis li d-dipendenza tal-UE fil-provvista tar-rizzorsi tirrappreżenta tħassib dejjem jikber; jappella għal aktar investment tal-UE fil-bini tal-awtonomija strateġika miftuħa tagħha billi tiġi żgurata l-aċċelerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, proċessi ta' permessi aktar mgħaġġla, id-dekarbonizzazzjoni tal-bini, l-aċċess għall-materja prima kritika u jiġu żviluppati ktajjen tal-valur reżiljenti għall-ekosistemi industrijali tal-UE speċjalment f'oqsma ewlenin bħas-saħħa u d-difiża; jitlob finanzjament adegwat biex jiġi żgurat l-iżvilupp kontinwu tal-programmi emblematiċi Ewropej attwali fil-qasam tal-ispazju, inkluż Copernicus, Galileo/EGNOS, l-inizjattiva Ewropea fil-komunikazzjoni bis-satellita (GOVSATCOM) u l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA);
28. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA, l-ikkowdjar u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti, u ffinanzjat permezz tal-programmi rilevanti; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku u nondiskriminatorju tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex jinvestu aktar fit-titjib tal-litteriżmu diġitali fis-soċjetà u l-għeluq tad-distakk diġitali, inkluża d-differenza diġitali bejn il-ġeneri, fl-edukazzjoni u

t-tagħlim tul il-ħajja;

29. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit tal-UE fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività u jinħolqu impjiegi ekoloġiċi kif ukoll it-tkabbir fl-UE; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jitwettq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jinkiseb l-għan tal-Unjoni tan-newtralità klimatika, f'konformità mal-Liġi tal-UE dwar il-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi; jinsab imħasseb ħafna dwar l-impatti serji tat-tibdil fil-klima inkluż fil-forma ta' skarsezza tal-ilma;
30. Jissottolinja li t-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jagħmlu l-kwistjoni tal-faqar enerġetiku waħda kruċjali u joħlqu sfidi għall-industrija Ewropea, b'mod partikolari għall-SMEs; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li tingħata spinta lill-investimenti tal-UE fit-tranżizzjoni li għaddejjja tal-UE lejn in-newtralità klimatika, inkluż fl-effiċjenza enerġetika, ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u dawk mingħajr emissjonijiet tal-karbonju, u b'mod partikolari f'oqsma b'impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-għoli tal-ħajja għall-unitajiet domestiċi bħat-titjib tal-effiċjenza enerġetika għall-bini, u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; jieħu nota tal-ħtiġijiet kbar ta' investiment għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u ż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-konstruzzjoni u l-materja prima; jirrikonoxxi l-valur strateġiku tal-estensjoni tat-TEN-T lejn il-viċinat tal-Lvant u konnettività aktar b'saħħitha mas-sħab strateġiċi tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-programm FNE-Trasport u r-rwol pożittiv tiegħu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa;
31. Jissottolinja li l-baġit 2025 irid ikun allinjat mal-oġettivi tal-politika u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ħidma kontinwa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità għall-infiq tal-baġit tal-Unjoni stabbiliti fil-FII, bħala parti mill-għan usa' li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050; ifakkar fid-dispożizzjoni fil-FII biex jiġu identifikati miżuri rilevanti li għandhom jittieħdu f'każ li r-rendikont perjodiku jindika progress insuffiċjenti lejn l-ilħuq tal-miri applikabbli; jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont liema l-oġettiv ta' 10 % għall-infiq relatat mal-bijodiversità fl-2026 u l-2027 x'aktarx mhux se jintlaħaq u dwar in-nuqqas ta' perkors ċar lejn l-ilħuq tal-oġettivi miftiehma; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tiegħu l-miżuri korrettivi meħtieġa meta jkun meħtieġ;
32. Jisħaq fuq l-importanza tal-Inizjattiva Urbana Ewropea u l-finanzjament adegwat tagħha biex jintlaħqu l-oġettivi kollha tagħha; jappella għal finanzjament aktar dirett għall-awtoritajiet lokali sabiex jissaħħu l-bini tal-kapaċità, l-appoġġ tekniku u l-iskambju tal-aħjar prattiki tagħhom; jappella għat-tisħiħ tar-riżorsi għall-aġenziji rilevanti, li jridu jikkorrispondu mal-ammont ta' xogħol li jirriżulta mill-aġenda tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, b'mod partikolari l-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %";
33. Jenfasizza l-kontribut essenzjali tal-bdiewa u s-sajjieda lis-soċjetà u jissottolinja, għaldaqstant, l-importanza ċentrali tal-politika agrkola komuni (PAK) u l-politika

komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar u bdiewa żgħażaġh; jappella għal miżuri konkreti biex jindirizzaw il-kawżi ta' skuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE u b'mod partikolari jappella għal riżorsi u miżuri immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil, l-istandards ġodda tal-produzzjoni u t-tibdil fis-suq dinji tal-ikel; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażaġh, biex b'hekk jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jirrimarka li l-bdiewa Ewropej jiffaċċjaw ħafna sfidi, b'mod partikolari burokrazija eċċessiva u piż amministrattiv, trikkib regolatorju dejjem akbar, nuqqasijiet, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat aħjar l-impatt taż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-ġhargħar, in-nixfiet u n-nirien fil-foresti fuq is-setturi permezz ta' miżuri ta' appoġġ iddedikati; jappella għal introjtu adegwat għal dawk kollha fis-setturi agrikoli; jissottolinja l-ħtieġa ta' appoġġ xieraq għar-riċerka u l-innovazzjoni, u għar-rispett tal-istandards tax-xogħol, kif ukoll għal investimenti xierqa biex jiġu offruti sorsi ta' introjtu alternattivi, u biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli u affordabbli b'mod partikolari permezz tal-innovazzjoni, il-preservazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa, filwaqt li tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-bdiewa Ewropej jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta mill-importazzjonijiet li ma jissodisfawx l-istandards tagħna; jistenna li d-djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura jindirizza l-kwistjonijiet rilevanti kollha inklużi l-aspetti preventivi;

34. Itenni li l-programmi, il-politiki u l-attivitajiet kollha tal-UE għandhom jiġu implimentati b'mod li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-twettiq tal-oġġettivi tagħhom; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u jisħaq fuq il-ħtieġa li tkompli tiżviluppa l-metodoloġija ġdida biex jitkejjel l-impatt fuq il-ġeneru tal-infiq tal-Unjoni kif stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali; jistieden lill-Kummissjoni turi r-riżultati ta' din il-metodoloġija għall-baġit tal-2025 akkumpanjati mill-ġbir, ir-rapportar u l-evalwazzjoni sistematiċi ta' data diżaggregata skont il-ġeneru;

Baġit adattat għall-futur għal dinja li qed tinbidel

35. Itenni l-ħtieġa li tiġi implimentata politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil li tkun ibbażata fuq is-solidarjetà, ir-responsabbiltà kondiviża u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, skont il-valuri u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni; jisħaq li l-ġestjoni u l-protezzjoni effettivi, umani u ġusti tal-fruntieri esterni tal-Unjoni huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-Unjoni, filwaqt li tiġi ggarantita l-implimentazzjoni bla xkiel u effiċjenti tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil, b'mod partikolari sabiex jitthejja d-dħul fis-seħħ tal-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, inkluż fir-rigward ta' akkoljenza, integrazzjoni u proċeduri għal ritorn u riammissjoni effettivi, sikuri u dinjitużi; jissottolinja r-rwol vitali li jiżvolġu l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) f'dak ir-rigward; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi ppreservat il-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni; ifakkar li r-Rumanija u l-Bulgarija se jingħaqdu maż-żona tal-ivvjaġġar tal-Ewropa mingħajr fruntieri Schengen sa Marzu 2024 u jtenni l-importanza li tiġi konkluża u operazzjonalizzata b'mod urġenti adegżjoni sħiħa, inklużi l-konnessjonijiet tal-art u tal-ferrovija; se jagħmel ħiltu biex jimmassimizza d-disponibbiltajiet fil-baġit

tal-2025 għal dawn l-għanijiet; iqis li l-UE trid taħdem mill-qrib mal-ġirien tagħha u mal-pajjiżi terzi ta' orijini u ta' tranżitu biex tagħti spinta lill-iżvilupp stabbli, sostenibbli u inklużiv u tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, u b'hekk tipprevjeni l-migrazzjoni irregolari u tipproteġi lill-persuni vulnerabbli min-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u traffikar, kif ukoll mill-mewt fuq il-baħar; jenfasizza b'mod partikolari ż-żieda fir-responsabbiltajiet tal-aġenziji inkarigati mis-sorveljanza u l-ġestjoni tal-fruntieri, l-appoġġ lill-Istati Membri fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u l-konformità mad-drittijiet fundamentali; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' finanzjament, persunal u taħriġ tal-persunal adegwati għall-aġenziji kollha li joperaw fl-oqsma tas-sigurtà, il-ġustizzja, l-infurzar tal-liġi, l-ażil u l-migrazzjoni kif ukoll il-ġestjoni tal-fruntieri sabiex dawn jissodisfaw il-mandat tagħhom; jappella għal enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni u l-ġestjoni preċiżi tas-sistemi tal-IT tal-UE fuq skala kbira, li jikkontribwixxu għax-xenarju tas-sigurtà tal-Unjoni;

36. Jisħaq li l-ambjent tas-sigurtà madwar l-UE għadu volatili ħafna; ikompli jagħmel enfasi qawwija fuq il-kapaċitajiet ta' sigurtà u ta' difiża Ewropej biex jirrispondu aħjar għall-isfidi ġeopolitiċi bla preċedent; jemmen li l-baġit tal-UE huwa strumentali fil-kuntest ta' strateġija ta' difiża għda tal-UE u koordinazzjoni msaħħa tas-sigurtà u tad-difiża bejn l-Istati Membri; jixtieq isahha il-programmi l-aktar ta' suċċess u pertinenti tiegħu, bħall-Fond Ewropew għad-Difiża, u l-korpi tiegħu sabiex jagħti spinta lis-sovranità Ewropea; jixtieq jissottolinja s-sinerġiji u l-effiċjenza tal-investimenti fil-livell tal-UE fil-qasam tad-difiża, speċjalment fil-qasam tal-mobbiltà militari, il-protezzjoni u l-interoperabbiltà tal-infrastruttura; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet bħad-diżinformazzjoni bħala sfida politika u ta' sigurtà li qed tikber, b'mod partikolari wara l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, iċ-ċiberkriminalità jew il-kriminalità organizzata b'dimensjoni transfruntiera;
37. Itenni l-kundanna tiegħu tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jisħaq li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna reġgħet ġabet il-gwerra fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea u kellha impatt fuq il-ktajjen tal-provvista kif ukoll fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi; itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Ukrajna fil-ġlieda tagħha għal-libertà u d-demokrazija; jiddeplora l-impatt terribbli fuq il-ħajjiet, it-tbatija tal-poplu Ukren, kif ukoll il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sostanzjali għall-popli tal-Ewropa kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikabbli tar-Russja; iqis li l-baġit 2025 għandu jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja u tal-inflazzjoni; ifakkar li ċerti Stati Membri, b'mod partikolari dawk l-aktar esposti, u setturi vulnerabbli tal-ekonomija, għadhom partikolarment esposti għall-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jistħoqqilhom appoġġ f'oqsma bħall-agrikoltura jew l-infrastruttura, iżda wkoll il-mobbiltà militari fi spirtu ta' solidarjetà mill-UE;
38. Jibqa' determinat li jgħin u jappoġġja lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità proposta għall-Ukrajna, li se tipprovdi appoġġ fil-forma ta' għotjiet u self għat-tiswija, l-irkupru u r-rikostruzzjoni, għal assistenza makrofinanzjarja u għal konverġenza 'l fuq istituzzjonali, soċjali, ekonomika u ambjentali u għal investimenti pubbliċi, kif ukoll għall-perkors tagħha lejn l-adeżjoni mal-UE; jisħaq fuq l-urġenza u l-opportunità li l-appoġġ għall-Ukrajna u l-isforzi ta' rikostruzzjoni jiġu kkombinati ma' proċess kostruttiv ta' qabel l-adeżjoni li jrawwem riformi u pass progressiv lejn l-*acquis* tal-UE; ifakkar li l-għajnuna

umanitarja għall-Ukrajna mhux se tkun koperta bis-sħiħ mill-Faċilità u għaldaqstant jissottolinja li jeħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti għall-għajnuna umanitarja f'dan il-kuntest ukoll fil-baġit tal-2025;

39. Iqis li l-appoġġ għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għadu importanti fid-dawl tat-tkabbir tal-UE u jilqa' il-Pjan ġdid ta' Tkabbir tal-Kummissjoni għall-Balkani tal-Punent bħala pass tajjeb biex jiġu appoġġjati aktar il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent f'konverġenza ekonomika mas-suq uniku tal-UE; jissottolinja l-importanza ta' appoġġ sostnut għall-pajjiżi kandidati fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa relatati mal-adeżjoni, notevolment fir-rigward tal-istat tad-dritt u d-demokrazija u dawk li jiġġieldu l-korruzzjoni, u fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu;
40. Jilqa' d-deċiżjoni li l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova jingħataw status ta' pajjiż kandidat u jinsisti fuq il-ħtieġa li jintużaw il-fondi meħtieġa biex jiġi appoġġjat il-proċess tal-adeżjoni tagħhom; jisħaq li l-allokkazzjoni għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u l-linji baġitarji pertinenti taħt l-NDICI - Ewropa Globali fl-2025 għandha tikkatalizza l-kooperazzjoni mal-Moldova kif ukoll mal-Georgia f'konformità mal-ftehim dwar ir-reviżjoni tal-QFP;
41. Jissottolinja li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali huwa strument ta' importanza vitali fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala qawwa globali ewlenija u sabiex l-Unjoni taqdi r-rwol tagħha bħala forza ta' stabbilizzazzjoni paċifika, u b'hekk jissaħħu l-interessi ġeopolitiċi tal-Unjoni madwar id-dinja; iħeġġeġ li r-riżerva finanzjarja tiegħu ġiet eżawrita u għandha tibbenefika minn rinforzi urġenti;
42. Jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tal-programm NDICI sabiex jingħata appoġġ għall-isfidi globali, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet u d-demokrazija, kif ukoll, għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għat-twettiq tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, fi ħdan sistema komprensiva ta' monitoraġġ u kontroll;
43. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-linji tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant sabiex jiġu appoġġjati r-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali fir-reġjuni, biex tingħata assistenza lir-rifuġjati, b'mod partikolari billi jiġi żgurat finanzjament kontinwu, imsaħħaħ u prevedibbli għall-atturi u l-aġenziji rilevanti skont il-livell ta' ħtiġijiet ta' dawk fuq il-post permezz ta' mekkaniżmu ta' distribuzzjoni prudenti li jkun f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE sabiex jiġi evitat l-użu illegali tal-fondi Ewropej;
44. Ifakkar li l-għajnuna umanitarja tal-UE għaċ-ċivili fi bżonn gravi hija indispensabbli u tikkontribwixxi għall-bini ta' stabbiltà u paċi fir-reġjuni milquta u li l-għoti ta' servizzi bażiċi u għajnuna umanitarja meħtieġa b'mod urġenti jrid jiġi garantit u mhux ostakolat f'konformità mad-deċiżjonijiet internazzjonali, akkumpanjati mill-proċeduri tas-soltu ta' skrinjar u monitoraġġ; jistenna li l-ħtiġijiet finanzjarji għall-għajnuna umanitarja jibqgħu jiżdiedu bħala konsegwenza ta' gwerer, l-instabbiltà ġeopolitika li dejjem qed tiżdied, faqar estrem persistenti u diżastri naturali aktar ta' spiss; iqis, abbażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet, li l-UE se jkollha ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-għajnuna umanitarja biex twieġeb għall-ħtiġijiet intensifikati fuq il-post, b'mod partikolari għan-nies fil-

bżonn fir-reġjun tal-Lvant Nofsani;

45. Itenni li jikkundanna b'mod inekwivoku l-attakki terroristiċi brutali mwettqa mill-Hamas kontra Iżrael u l-poplu tiegħu fis-7 ta' Ottubru u jesprimi s-sogħba profonda tiegħu għall-vittmi innoċenti fuq iż-żewġ naħat; jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni jrid ikompli jipprovdi appoġġ għall-bini tal-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun, għall-ġlieda kontra l-mibegħda, l-estremiżmu u l-fundamentaliżmu u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;
46. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu adottata fit-18 ta' Jannar 2024 li tirrikonoxxi r-rwol tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), li bħalissa qed tipprovdi refuġju għal aktar minn miljun persuna spostata internament u hija l-akbar pjattaforma għall-ġhoti ta' għajjnuna umanitarja lill-popolazzjoni tal-Istrixxa ta' Gaża, fejn il-popolazzjoni kollha qed tiffaċċja kundizzjonijiet umanitarji li qed jiddeterjoraw inkluż nuqqas ta' refuġju, ilma nadif, ikel u assistenza medika; itenni, għalhekk, l-importanza ta' finanzjament kontinwu u prevedibbli tal-UE; jilqa' l-fatt li n-NU nediet investigazzjoni mingħajr dewmien, wara l-allegazzjonijiet serji rigward individwi li kienu parti mill-persunal tal-UNRWA li allegatament kienu involuti fl-attakki terroristiċi kontra Iżrael tas-7 ta' Ottubru, u l-informazzjoni pprovdata u l-azzjonijiet fil-pront meħuda mill-Aġenzija, b'mod partikolari biex jintemmu immedjatament il-kuntratti eżistenti; jinnota l-appell tal-Kummissjoni għal awditu estern li b'hekk jirrieżamina l-valutazzjoni tal-pilastri tas-sistemi ta' kontroll tan-NU, maqbula mill-UNRWA; jappoġġja s-sistemi ta' kontroll, monitoraġġ u skrutinju implimentati mill-Kummissjoni li jfakkru li l-użu tal-fondi tal-UE mill-benefiċjarji jrid jirrispetta r-regoli u s-salvagwardji tal-UE u d-dritt internazzjonali; jilqa', f'dan ir-rigward, li r-rieżami tal-Kummissjoni tal-għajjnuna tal-UE lill-Palestina kkonkluda li l-kontrolli u s-salvagwardji eżistenti u effettivi fis-seħħ jaħdmu tajjeb u li sal-lum ma nstabt l-ebda evidenza li l-flus ġew iddevjati għal skopijiet mhux intenzjonati, kif ukoll il-valutazzjoni tar-riskju u miżuri addizzjonali relatati;

Tingħata spinta lill-implimentazzjoni tal-programmi

47. Ifakkar l-appoġġ bil-qawwa tal-Parlament għall-politika ta' koeżjoni fit-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE u fit-tiżiħ tal-ekonomija tal-UE billi tikkontribwixxi għal tkabbir u żvilupp ġusti, inklużivi u sostenibbli, tippromwovi l-konverġenza ekonomika u soċjali bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, tappoġġja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u trawwem l-innovazzjoni u l-impjiegi; itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni jistgħu jintlaħqu biss jekk id-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-programm jiġi indirizzat b'mod dirett u b'urġenza; iqis li approċċ bħal dan biex jitħaffu l-assorbiment u l-implimentazzjoni ikun ukoll l-aktar mod effettiv biex il-valur miżjud tal-infiq tal-UE jsir viżibbli u tanġibbli għan-nies fl-UE; ifakkar fil-ħtieġa ta' aktar assistenza teknika biex jiġu promossi aktar il-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-Istati Membri;
48. Jisħaq li l-fondi mill-baġit tal-UE jeħtieġ li jaslu għand iċ-ċittadini tal-UE u l-SMEs; ifakkar li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, siti web u portali aktar faċli għall-utenti u komprensivi, it-tnaqqis ta' burokrazija żejda u l-ħolqien ta' punti uniċi ta' servizz huma essenzjali biex il-programmi tal-UE jsiru aktar aċċessibbli għall-

awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-intraprendituri żgħażaġh u l-SMEs;

49. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħaffu l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi taħt fondi ta' ġestjoni kondiviżi u jiżguraw eżekuzzjoni baġitarja rapida, b'mod partikolari tal-fondi ta' koeżjoni; jinnota li s-sehem tal-fondi taħt il-programmi 2014-2020 li baqa' ma ntużax għandu jiġi riallokati lill-Istati Membri sabiex ikomplu jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali; jappella għal implimentazzjoni rapida tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluża evalwazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-proċess ta' implimentazzjoni, l-ostakli u r-riżultati; jinsab imħasseb li s-sottoimplimentazzjoni, sakemm ma tittaffiex malajr, se tirriżulta fi kriżi tal-pagamenti, jiġifieri diskrepanza bejn il-ħtiġijiet ta' pagament u l-ispazju disponibbli taħt il-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP fl-2026 u l-2027;
50. Jemmen li d-diliġenza dovuta, l-obbligu ta' rendikont u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-benefiċjarji kollha tal-fondi tal-UE u s-sħab ta' implimentazzjoni, sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE u tiġi evitata interferenza bla bżonn, itenni l-importanza ta' korpi ta' monitoraġġ u ta' kontroll effettivi u bir-reqqa li jiżvelaw, jinvestigaw, iħarrku u jressqu quddiem il-ġustizzja reati kontra l-interessi finanzjarji tal-UE peress li l-flus li jintefqu fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni jwasslu għal redditu nett enormi lejn l-UE; iqis għalhekk li dawn il-korpi għandhom ikollhom riżorsi adegwati u persunal xieraq sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom bl-aktar mod effettiv; jissottolinja, bl-istess mod, li sorveljanza adegwata tal-UE hija meħtieġa biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jaħdem għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-konsumaturi; jitlob, fid-dawl ta' settur finanzjarju b'saħħtu, inklużiv u reżiljenti, li r-riżorsi għall-awtoritajiet u l-aġenziji superviżorji finanzjarji Ewropej, b'mandat b'kompiti superviżorji jew l-elaborazzjoni ta' standards regolatorji tekniċi f'dan ir-rigward, jiġu aġġustati bis-sħiħ biex iqisu l-kompiti regolatorji ġodda kollha li jinvolvu t-tlestija ta' dawn l-għanijiet ta' politika;
51. Jappella li jsiru sforzi addizzjonali mill-atturi kollha involuti biex tingħata spinta lill-implimentazzjoni tal-proġetti u l-assorbiment tal-finanzjament eliġibbli u b'hekk jitnaqqsu r-*reste à liquider* mhux normali (RAL); iqis li l-2024 u l-2025 għandhom jintużaw biex jidentifikaw u jirrettifikaw kwalunkwe konġestjoni li timpedixxi implimentazzjoni aktar effettiva; jappella għal riżorsi għal baġit adegwat biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' bini ta' kapaċità u assistenza teknika addizzjonali għall-Istati Membri, speċjalment għal dawk li qed jiffaċċjaw diffikultajiet akbar ta' assorbiment, inkluż għal fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll miżuri biex jitħaffu proċeduri ta' akkwist u ta' offerti ġusti, kompetittivi u effiċjenti biex tingħata spinta lill-isforzi ta' implimentazzjoni;
52. Jissottolinja l-importanza ta' komunikazzjoni u viżibbiltà effettiva tal-politiki u l-programmi tal-UE biex titqajjem kuxjenza dwar il-valur miżjud li l-UE ġġib liċ-ċittadini, lin-negozji u lis-sħab; jappella biex jiġu żgurati allokazzjonijiet adegwati f'dan ir-rigward;
53. Ifakkar li implimentazzjoni xierqa ta' programmi mfaßla tajjeb hija possibbli biss bl-appoġġ ta' amministrazzjoni ddedikata; jenfasizza l-ħidma essenzjali mwettqa mill-korpi u l-aġenziji deċentralizzati u jqis li dawn għandhom ikollhom biżżejjed persunal u

riżorsi adegwati sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom; jenfasizza li l-kompiti tagħhom jevolvu f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika, bħat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u jišhaq li responsabbiltajiet ġodda, kif ukoll l-estensjoni tal-mandati tagħhom, iridu jkunu akkumpanjati b' mod proporzjonat minn riżorsi ġodda;

o

o o

54. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Europol - Edoardo Boggio, Liaison Officer in Brussels
European Public Prosecutor Office - Titus Poenaru, Counsellor for Interinstitutional Relations
Special Olympics - Christo Velkov, Vice President Strategic Development
European Trade Union Confederation - Esther Lynch, General Secretary

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

24.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits

Suġġett: Opinjoni dwar il-Linji Gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2023/2220(BUI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Affarijjet Barranin ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Novembru 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Affarijjet Barranin eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Jannar 2024¹. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni.

Dejjem tiegħek,

David McAllister

SUĖĠERIMENTI

1. Jinnota li l-maġġoranza tal-infiq fuq l-azzjoni esterna hija kkonċentrata taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III); itenni l-ħtieġa urġenti li jżied il-finanzjament, b'mod partikolari f'reġjuni ta' kriżi fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar; itenni għalhekk it-talba tiegħu għal żieda

¹ Kienu preżenti għall-votazzjoni: David McAllister (President), Željana Zovko (Viċi President), Alexander Alexandrov Yordanov, Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Adam Bielan, Theresa Bielowski, Krzysztof Brejza, Reinhard Bütikofer, Włodzimierz Cimoszewicz, Özlem Demirel, Anna Fotyga, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Arba Kokalari, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Georgios Kyrtos, Ilhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Karsten Lucke, Thierry Mariani, Erik Marquardt, Vangelis Meimarakis, Alessandra Moretti, Javier Nart, Matjaž Nemeč, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Bert-Jan Ruissen, Christian Sagartz, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Mick Wallace, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok

sostanzjali fl-Intestatura 6 biex jiġu indirizzati d-diversi sfidi fil-viċinat, isir investiment fi sħubijiet u tissaħħaħ il-pożizzjoni ġeopolitika tal-UE; jiddeplora l-fatt li r-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ma tlestiex u jqis li dan mhux biżżejjed; jissottolinja l-importanza vitali ta' komunikazzjoni aktar b'saħħitha, aktar unifikata u koerenti mill-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-fondi pprovduti mill-Unjoni;

2. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi kontinwi biex jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet immedjati ta' finanzjament għall-Ukrajna, wara l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja; għalhekk jilqa' l-Faċilità tal-Ukrajna għal ammont totali sa EUR 50 biljun għall-perjodu 2024 sa 2027 u jħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew jilħaq qbil;
3. Itenni li għandu jinżamm livell adegwat ta' finanzjament għall-Viċinat tan-Nofsinhar fl-2025 biex jiġu appoġġjati r-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali fir-reġjun; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiżdied bil-kbir l-għajjnuna umanitarja liċ-ċivili Palestinjani fl-istrixxa ta' Gaza minħabba l-kriżi umanitarja li qed tiżviluppa, flimkien ma' mekkaniżmu ta' distribuzzjoni prudenti f'konformità sħiħa mal-prijoritajiet tal-UE biex jiġi evitat l-użu kriminali tal-fondi Ewropej;
4. Jinsisti fuq appoġġ finanzjarju u amministrattiv kontinwu u sostnut lill-pajjiżi tal-adeżjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu aġġornati l-għodod eżistenti tal-adeżjoni, il-finanzjament u l-kundizzjonalità tagħhom b'mekkaniżmu ta' monitoraġġ imtejjeb fl-oqsma kollha sottolinjati f'rapporti ta' evalwazzjoni reċenti tal-UE biex titħaffef it-trasformazzjoni tal-benefiċjarji u l-progress inkrementali sostenibbli lejn is-sħubija fl-UE li jiksbu konformità aħjar man-normi tal-UE, b'attenzjoni xierqa għar-riformi tal-istat tad-dritt, għal adeżjoni aktar bla xkiel; jinsisti, f'dan il-kuntest, fuq rieżami ta' nofs it-terminu tal-IPA III, li jżid l-appoġġ relatat mal-adeżjoni għall-Balkani tal-Punent u l-inklużjoni tal-Moldova u l-Ukrajna fost il-benefiċjarji tiegħu;
5. Jissottolinja l-ħtieġa li d-DĠ NEAR u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jingħataw riżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex jipromwovu l-paċi, il-prosperità, is-sigurtà, u l-valuri u l-interessi tal-UE fil-viċinat tagħha u madwar id-dinja; filwaqt li jaderixxu mal-impenji tagħhom stess dwar rappreżentanza koerenti u użu effiċjenti tar-riżorsi; ifakkar li n-nefqa amministrattiva tagħhom għandha tkun koperta taħt l-Intestatura 7.

25.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Linji gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2023/2220(BUI))

Sur Van Overtveldt,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Iżvilupp ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Novembru 2023, il-Kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp ikkunsidra l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2024. Matul dik il-laqgħa¹, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Dejjem tiegħek,

Tomas Tobé

¹ Kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pierrette Herzberger-Fofana (l-ewwel Viċi President), Mercedes Bresso (it-tieni Viċi President), Stéphane Bijoux (it-tielet Viċi President), Erik Marquardt (ir-raba' Viċi President), Alessandra Basso, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Catherine Chabaud, Christophe Clergeau, Antoni Comín i Oliveres, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Janina Ochojska, Eleni Stavrou, Riho Terras (għal Christian Sagartz skont l-Artikolu 209(7)), Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok u Carlos Zorrinho.

SUĠĠERIMENTI

Il-konsegwenzi tar-reviżjoni tal-QFP fuq il-baġit tal-UE għall-2025

1. Itenni t-talba tiegħu sabiex l-UE tiġi mgħammra b'riżorsi li jiżguraw ir-rilevanza tagħha f'kuntest ġeopolitiku dejjem aktar kumpless u li jaqblu mal-ambizzjonijiet u l-impenji globali tagħha li jirriżultaw mill-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-SDGs u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;
2. Jinsab imħasseb, għalhekk, li l-approċċ tal-Istati Membri għar-reviżjoni tal-QFP kif stabbilit fil-kaxxa ta' negozjar tal-QFP ippreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2023 se jirriżulta f'baġit għall-2025 li ma jippermettix lill-UE tipproteġi l-impatt pożittiv tagħha fix-xena globali, iżżid l-influwenza ġeopolitika tagħha, twieġeb għall-aspettattivi tal-pajjiżi sħab u ssaħħaħ l-istatus tagħha bħala alleat affidabbli fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u lanqas tissodisfa l-ħtiġijiet umanitarji mingħajr preċedent globalment; jinsab allarmat li tali reviżjoni se twassal għal riallokazzjonijiet minn linji baġitarji li jsostnu l-kooperazzjoni man-Nofsinhar Globali; itenni t-tħassib tiegħu li l-UE qed tiflew l-influwenza u l-viżibbiltà minħabba offerti alternattivi miċ-Ċina u mir-Russja;
3. Ifakkar li l-Parlament ilu qed jippromwovi b'mod konsistenti kapaċità suffiċjenti tal-UE biex tindirizza sfidi globali akuti u jitlob b'mod konsistenti baġit oġhla għall-azzjoni esterna taħt l-Intestatura 6 "il-Viċinat u d-Dinja" u li r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali) tenfasizza li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2024 tal-QFP ma għandu, taħt l-ebda ċirkostanza, jirriżulta fit-tnaqqis jew fir-riallokazzjoni tal-fondi tal-NDICI-Ewropa Globali bejn il-programmi tematiċi u ġeografiċi fit-tul; jirimarka li r-Regolament NDICI-Ewropa Globali jiddikjara, fost l-oħrajn, li "l-pakketti finanzjarji previsti għall-programmi ġeografiċi tal-Viċinat u tal-Afrika Sub-Saħarjana jenħtieġ li jiżiedu biss, minħabba l-prijorità partikolari li l-Unjoni tagħti lil daww ir-reġjuni";
4. Ifakkar fl-impenn politiku relatat mal-baġitizzazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp – f'termini ta' flessibbiltà, prevedibbiltà u riporti – u jinsab imħasseb li dan se jiġi miċħud minħabba r-riallokazzjonijiet fost il-linji baġitarji kif previst mill-approċċ tal-Kunsill għar-reviżjoni tal-QFP;
5. Ifakkar fl-impenn li hađu l-UE u l-Istati Membri biex iżidu l-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tagħhom għal 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross sal-2030 u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jonorawh fil-baġit għall-2025 u fir-reviżjoni tal-QFP; jinnota li l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-2002 impenjaw ruħhom li jistinkaw biex iżidu l-ODA/l-ING tagħhom għal 0,33 %; jilqa' l-isforzi li dawn u li Stati Membri oħra għamlu s'issa biex gradwalment iżidu l-infiq tagħhom fl-ODA; ihegġgħom ikomplu fuq din it-triq;
6. Ifakkar fil-mira għall-infiq fuq il-bijodiversità ta' 10 % għas-snin 2026 u 2027 u l-mira għall-infiq fuq il-klima ta' 30 % fil-QFP attwali kif ukoll il-ħtieġa li jiġu ssodisfati l-impenji finanzjarji globali tagħha skont il-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-wegħdiet għall-Fond għat-Telf u l-Ħsara;

7. Jafferma l-impenn deskritt fl-Istrument NDICI-Ewropa Globali biex jiġu indirizzati l-għeruf ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat; huwa tal-fehma li, mingħajr preġudizzju għal ċirkostanzi mhux previsti, l-impenn fl-Istrument li jalloka perċentwal indikattiv ta' 10 % mill-pakkett finanzjarju tal-Istrument għal azzjonijiet li jappoġġjaw il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat fl-oġettivi tal-Istrument għandu jiġi rispettata u li din il-klawżola ma għandhiex terġa' tinfetħ; jinnota, madankollu, li 14 % tal-fondi impenjati fl-2021 ikkontribwew għall-mira tal-infiq fuq il-migrazzjoni; jistenna li jirċievi aġġornamenti sostanzjali regolari dwar is-sitwazzjoni attwali;
8. F'dan l-isfond, jitlob analiżi ċara mill-Kummissjoni bi tqassim dettaljat tal-konsegwenzi tar-reviżjoni tal-QFP fuq l-ipprogrammar finanzjarju li jifdal taħt l-Intestatura 6;

Ħtiġijiet umanitarji li qed jiżdiedu kontra t-tnaqqis fil-kapaċità tal-UE

9. Ifakkar li l-ħtiġijiet umanitarji żdiedu b'mod drammatiku matul l-aħħar snin minħabba kriżijiet u diżastri naturali madwar id-dinja, li żiedu b'mod sinifikanti l-inugwaljanzi u kkawżaw effetti konsegwenzjali globali. Bħala konsegwenza ta' dan, l-għajjnuna umanitarja tibqa' wieħed mill-aktar strumenti taħt pressjoni taħt il-politika ta' azzjoni esterna tal-UE u li tiddependi kontinwament fuq rinforzi baġitarji *ad hoc*;
10. Jinsab allarmat, għalhekk, bil-proposta li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza (SEAR) tinqasam b'mod li jibbenifika minnu biss il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) u li jnaqqas ir-riżorsi għall-għajjnuna umanitarja billi jillimita b'mod sostanzjali t-tisħiħ possibbli tas-SEAR għall-istrument ta' għajjnuna umanitarja (HUMA), li jirriżulta fi tnaqqis ta' madwar 15 % għall-HUMA meta mqabbel mal-medja tal-2021-2023;
11. Ifakkar li l-ħtiġijiet umanitarji laħqu livell rekord¹ u li skont l-istimi tal-Kummissjoni l-ħtiġijiet reali qed jaqsbu l-pakketti inizjali tal-Għajjnuna Umanitarja b'EUR 7, 9 biljun matul il-perjodu 2024-2027 filwaqt li l-finanzjament umanitarju ta' Tim Ewropa naqas minn 45 % (2019) għal 30 % (2022) tar-rispons umanitarju globali; ifakkar li n-nisa u t-tfal, il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà huma gruppi partikolarment vulnerabbli li jsofru l-akbar konsegwenzi ta' aċċess limitat għall-għajjnuna umanitarja;
12. Jistieden lill-Kunsill jonora l-Konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2022 dwar l-għeluq tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju u, barra minn hekk, fid-dawl tan-nuqqas ta' riżervi, jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-HUMA fil-baġit annwali tal-UE għall-2025; jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa urġenti għal aktar sforzi biex titwessa' l-bażi tar-riżorsi għal azzjoni umanitarja, bl-użu tar-riżorsi ta' donaturi tradizzjonali, emerġenti u potenzjali, is-settur privat kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra;

Tnaqqis fir-riżervi u l-ebda flessibbiltajiet li jirrispondu għal ħtiġijiet mhux mistennija

13. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis bikri tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI-Ewropa Globali, li minnhom 80 % diġà ntużaw jew ġew allokatu sa Marzu 2023 u din ix-xejra taggrava biss skont il-kaxxa ta' negozjar tar-reviżjoni tal-QFP tal-15

¹ Skont in-NU, 363 miljun persuna llum jeħtieġu assistenza umanitarja – din iċ-ċifra hija madwar 150 % aktar milli fl-2019 u 32 % aktar milli fl-bidu tal-2022.

ta' Diċembru 2023; jirrimarka li dan iġib fix-xejn ir-raġunament tar-riżerva bħala riżerva flessibbli biex twieġeb għal ħtiġijiet mhux mistennija kif ukoll l-impenn politiku relatat mal-bagittazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u jinsab imħasseb li, fid-dawl tal-ftehim ta' Samoa mal-pajjiżi AKP, il-kredibbiltà tal-UE tista' tkun fil-periklu;

14. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu għall-Ukrajna, fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, inklużi l-assistenza umanitarja, l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa; jisħaq, madankollu, li dan l-appoġġ m'għandux isir għad-detriment tan-Nofsinhar Globali; jinnota li l-finanzjament tal-assistenza għall-Ukrajna permezz tal-mobilizzazzjoni tar-riżerva, pjuttost milli permezz tal-istrument baġitarju xieraq, eżawrixxa l-biċċa l-kbira tar-riżerva, u dan ħalla lill-NDICI-Ewropa Globali b'kapaçità limitata li jirreaġixxi għal sfidi mhux previsti; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Façilità għall-Ukrajna, li għandha tiżgura finanzjament sostenibbli fit-tul għall-Ukrajna filwaqt li tippreserva l-kapaçità tal-Istrument li jlaħħaq mal-isfidi futuri;
15. Jinsab imħasseb li l-flessibbiltajiet u r-riżervi tal-Intestatura 6 diġà ġew ikkonsmati u mobilizzati b' mod sostanzjali qabel ir-reviżjoni tal-QFP, u dan ħalla l-baġitt tal-2025 ristrett ħafna biex jirrispondi għal kwalunkwe sfida ġdida u wisq inqas jagħmel investimenti jew wegħdijiet ġodda lejn beni komuni globali. Jirrimarka li l-Kummissjoni identifikat opportunitajiet limitati ħafna ta' riallokazzjoni – peress li l-NDICI-GE fl-2025 sal-2027 huwa ristrett minn tnaqqis fil-profil tal-ipprogrammar finanzjarju u li kwalunkwe riallokazzjoni ulterjuri jkollha impatt fuq il-kooperazzjoni bilaterali mal-pajjiżi sħab;
16. Iwissi li l-projezzjonijiet tar-rati tal-imgħax tan-Next Generation EU jissuġġerixxu li mingħajr reviżjoni tal-QFP mhux se jkun hemm flessibbiltajiet disponibbli fl-istrumenti speçjali fl-2025' il quddiem. Dan u t-tnaqqis tar-riżerva jillimitaw il-kapaçità tal-UE fl-azzjoni esterna u l-għajnuna umanitarja.

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma' f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

15.2.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

Is-Sur Johan Van Overtveldt
Il-President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Jannar 2024, il-Koordinaturi ddeċidew li jibagħtu din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Frar 2024. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar fl-impenn qawwi tiegħu għall-prinċipji u l-valuri fundamentali minquxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-metodoloġija l-ġdida tagħha biex tkejjel l-impatt fuq il-ġeneri tal-infiq tal-Unjoni;
2. Jisħaq li l-implimentazzjoni soda u f'waqtha tal-baġit tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti u effettiv il-ħtiġijiet u l-isfidi ffaċċjati mill-Unjoni u ċittadini tagħha f'oqsma ta' politika differenti; iwissi li l-implimentazzjoni tal-baġit taħt il-persjoni taż-żmien tista' twassal għal żieda fl-iżbalji u l-irregolaritajiet;
3. Ifakkar fir-rwol kruċjali li kellu l-baġit tal-Unjoni fl-2022 biex jindirizza diversi kriżijiet mhux previsti, u li b'riżultat ta' dan intużaw il-miżuri ta' flessibbiltà kollha disponibbli fil-Baġit tal-UE għall-2022; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' flessibbiltà fil-Baġit tal-UE għall-2025 biex jiġu indirizzati ċirkostanzi ġodda potenzjali fejn tkun meħtieġa azzjoni tal-UE;
4. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Baġit tal-UE jiġi protett minn kwalunkwe użu ħażin, b'mod partikolari l-frodi u l-korruzzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tkun vigilianti u proattiva fil-każijiet attwali u futuri meta n-nuqqas ta' rispett għall-valuri tal-Unjoni u l-Istat tad-Dritt jaffettwa jew jhedded li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-użu tal-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità, b'mod sod; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu pprovduti biżżejjed rizzorsi u li

jissaħħaħ ir-rwol tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni; jenfasizza wkoll l-importanza li tiġi stabbilita awtorità Ewropea ġdida għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AMLA) li se jkollha s-setgħat li timponi sanzjonijiet u penali; jenfasizza l-importanza li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti għall-awtorità sabiex tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'suċċess;

5. Jinsab imħasseb li fi tmiem l-2022, l-impenji pendenti totali laħqu livell rekord ta' EUR 450 biljun (2021: EUR 341,6 biljun); jinnota li l-impenji pendenti baqgħu ftit taħt l-EUR 460 biljun previsti fl-2023 u huma mbassra li jonqsu wara l-2024, meta n-Next Generation EU jasal fi tmiemu; ifakkar li l-ħlas lura tal-kostijiet tas-self tal-Istrument tal-UE għall-Irkupru huwa obbligu għall-Unjoni u l-kostijiet tiegħu jiddependu kemm fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds kif ukoll fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u għalhekk, il-kostijiet huma intrinsikament imprevedibbli; jisħaq li din is-sitwazzjoni toħloq riskji għall-politiki u l-programmi miftiehma tal-UE u għall-kapaċità tal-baġit li jirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tipprovi lill-awtoritajiet baġitarji b'informazzjoni f'waqtha u dettaljata dwar il-kostijiet tas-self;
6. Ifakkar fl-importanza li r-riżorsi proprji tal-Unjoni jiġu protetti minn kwalunkwe irregolarità frodulent u, għal dak l-għan, jistimulaw il-kooperazzjoni bejn is-servizzi kontra l-frodi u l-aġenziji doganali biex jidentifikaw, jipprevjenu u jikkoreġu l-frodi li taffettwa d-dħul tal-Unjoni; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda;
7. Huwa mħasseb li l-adozzjoni tardiva ta' diversi regolamenti settorjali li jirregolaw politiki differenti tal-Unjoni, bħall-Politika ta' Koeżjoni, irriżultat f'dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027; jenfasizza l-appoġġ sħiħ tal-Parlament għall-politika ta' koeżjoni u jħeġġeġ lill-awtoritajiet baġitarji jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fil-Baġit tal-UE għall-2025, bħall-appoġġ tekniku u amministrattiv, biex ikomplu jħaffu l-implimentazzjoni tal-politiki fil-prattika, filwaqt li jżommu enfasi kbira fuq il-konformità mar-regoli, il-kisba tar-riżultati u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
8. Jinnota l-għadd dejjem jikber ta' proposti leġiżlattivi għal strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni, li jirrikjedu kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar speċifiku biex l-awtoritajiet baġitarji jkunu jistgħu jsegwu b'mod effettiv il-finanzjament tal-UE; jisħaq fuq l-importanza li tali strumenti jiġu pprovduti b'dispożizzjonijiet dwar il-ġbir u l-aċċessi għad-data dwar ir-riċevitur tal-fondi għall-fini ta' awditjar u kontroll u b'hekk, tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota li tali proposti ġew imbuttati permezz ta' negozjati interistituzzjonali b'pass bla bżonn;

Dejjem tiegħek,

Monika Hohlmeier

President tal-Kumitat CONT

Isabel García Muñoz

Rapporteur għall-kwittanza tal-Kummissjoni

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f' dan l-Anness f' konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

24.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
Il-President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni fil-forma ta' ittra dwar il-Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

Is-Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Novembru 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Jannar 2024 u adotta l-opinjoni tiegħu fil-forma ta' ittra, imfassla taħt it-tmexxija tar-rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat EMPL, Romana Tomc (PPE), f'dik il-laqgħa¹. Huwa ddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Dragoş Pîslaru

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Dragoş Pîslaru (President), Leila Chaibi (it-Tieni Viċi President), Romana Tomc (it-Tielet Viċi President u rapporteur għal opinjoni), Katrin Langensiepen (ir-Raba' Viċi President), Alex Agius Saliba, João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Catherine Amalric, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Jordi Cañas, Özlem Demirel, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Cindy Franssen, Lina Gálvez Muñoz (sostituta ta' Alicia Homs Ginel), Agnes Jongerius, Stelios Kypouropoulos, Miriam Lexmann, Sara Matthieu, Max Orville, Sandra Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Wolfram Pirchner, Jessica Polfjärd, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Eugenia Rodríguez Palop, Daniela Rondinelli, Monica Semedo, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský, Lucia Ďuriš Nicholsonová u Mohammed Chahim (sostitut ta' Marc Angel), Paolo De Castro (sostitut ta' Elisabetta Gualmini), Delara Burkhardt (skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura).

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni s-suġġerimenti li ġejjin:

1. Il-Kumitat EMPL ifakkar fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklammat mill-Kunsill Ewropew, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2017, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-4 ta' Marzu 2021 u d-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 dwar l-affarijiet soċjali adottata mill-membri tal-Kunsill Ewropew.
2. Il-Kumitat EMPL jenfasizza li l-investimenti f'livelli għoljin ta' impjiegi u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, l-indirizzar tal-qgħad, il-politiki ta' inklużjoni, l-integrazzjoni aktar rapida fis-suq tax-xogħol u l-offerta ta' opportunitajiet ta' kwalità u sostenibbli għaż-żgħażaġh filwaqt li tiġi ppreservata l-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, fil-bżonn u żvantaġġati, bħat-tfal u ż-żgħażaġh, il-persuni fil-faqar, il-persuni qiegħda, il-familji fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, il-persuni li ġejjin minn kument ta' migrazzjoni u l-persuni Rom, u l-appoġġ għall-bini ta' akkomodazzjoni pubblika, se jtejbu l-istandard tal-ġhajxien fl-UE. Il-Kumitat EMPL ifakkar li l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar qed taffettwa numru dejjem akbar ta' adulti u tfal, u li l-istituzzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej jeħtiġilhom ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jiksbu l-għan tal-UE li teqred il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar sal-2030.
3. Barra minn hekk, il-Kumitat ifakkar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR li għandu l-għan li l-UE tilħaq miri speċifiċi sal-2030, inkluż li jkollha mill-inqas 78 % tal-individwi ta' bejn l-20 u l-64 sena fl-impjieg, filwaqt li jiġi żgurati li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw f'taħriġ kull sena, u jitnaqqas in-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun, inklużi 5 miljun tifel u tifla. Madankollu, anke l-kisba ta' dawn il-miri qed issir dejjem aktar diffiċli fil-kument taż-żidiet previsti fil-faqar u l-qgħad sakemm ma jiġux iddedikati sforzi u appoġġ speċifiċi biex tittaffa l-persjoni attwali fuq is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jiġi mitigat l-impatt soċjali tal-kriżi, kif ukoll biex jingħata appoġġ lir-refuġjati u jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' ġhajxien deċenti għal kulħadd, b'aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni.
4. Il-Kumitat EMPL ifakkar li l-FSE+ mistenni jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-programmazzjoni tal-FSE+ ġiet adottata qabel il-kriżi attwali, u din il-kriżi tinvolve investiment pubbliku u soċjali oġhla b'tali mod li l-programmazzjoni eżistenti jaf ma tissodisfax il-ħtiġijiet attwali. Jesprimi t-ħassib tiegħu dwar il-marġini limitati ħafna disponibbli u jinsisti li jiġi żgurati li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR u l-kisba tal-miri tad-Dikjarazzjoni ta' Porto jingħataw prijorità. Jenfasizza, fid-dawl taż-żieda fl-għoli tal-ħajja, u b'mod partikolari ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel, il-ħtieġa għal żieda fl-allokazzjoni minima għall-miżuri ta' inklużjoni soċjali adottati fil-FSE+ il-ġdid kif ukoll 3 % oħra ma' dawk il-miżuri għall-ġhajjnuna alimentari u għall-assistenza materjali bażika għall-persuni l-aktar fil-bżonn. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jallokaw

aktar mill-ammonti minimi mitluba mill-FSE.

5. Il-Kumitat EMPL jisħaq li għandhom jiġu allokati riżorsi adegwati biex jiġi ffinanzjat u implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR li ġie adottat f'Porto u biex jintlaħqu l-miri ewlenin tad-Dikjarazzjoni ta' Porto. Jemmen fl-importanza li jiġu indirizzati d-diskrepanzi soċjali fil-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol permezz ta' investiment soċjali fil-futur medju u fit-tul, filwaqt li fl-istess ħin, jiġu indirizzati l-ħtiġijiet immedjati tan-nies. Jinsisti li r-regoli li jirregolaw l-użu tal-fondi tal-Unjoni jridu jiżguraw u jtejbu l-konformità mal-ogħla drittijiet soċjali u prinċipji demokratiċi, ikunu allinjati mal-EPSR, mal-SDGs, mal-Patt Ekoloġiku u mad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u jitlob li d-dispożizzjonijiet jippermettu fondi pubbliċi biss lil dawk l-impjegaturi li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli. Jitlob ukoll għal kundizzjonalitajiet soċjali aktar effettivi fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet, u li dawn ikunu appoġġjati minn sanzjonijiet effettivi. Jinsab, madankollu, imħasseb li l-firxa tal-kriżijiet attwali u l-impatt tagħhom se jirrikjedu risposta baġitarja robusta fl-2025 u lil hinn; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tipproponi baġit ambizzjuż għall-2025.
6. Il-Kumitat EMPL iqis li l-identifikazzjoni tar-riskji soċjali u l-kunsiderazzjoni tal-effetti diverġenti fuq l-impjiegi u l-qgħad fit-tul fost industrij partikolari għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat. Jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tippreżenta metodoloġija ta' traċċar tan-nefqa fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-baġit soċjali tal-UE, abbażi tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u indikaturi tal-benesseri biex jitkejjel l-impatt ġenerali ta' fondi, strumenti u faċilitajiet differenti ffinanzjati fl-ambitu tal-QFP u tal-NGEU.
7. Il-Kumitat EMPL iqis kruċjali l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-prinċipju tal-multilingwiżmu, li jippromwovi l-kwalità tal-parteċipazzjoni demokratika u t-trasparenza. F'dan ir-rigward, il-kumitat jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu appoġġjati politiki li għandhom l-għan li jżidu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini madwar l-Unjoni, b'mod partikolari ż-żgħażaġħ, sabiex ikun hemm involviment akbar taċ-ċittadini mal-politiki tal-Unjoni u jiġu żviluppati miżuri aktar effettivi f'approċċ ibbażat fuq il-post.
8. Barra minn hekk, jemmen li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha tistipula li mill-inqas 30 % tal-fondi jkunu ddedikati għall-investimenti soċjali biex jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jsir investiment fis-sigurtà soċjali, fl-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, fl-akkomodazzjoni li tkun għall-but ta' kulħadd, fl-impjiegi, fil-ġustizzja u fis-servizzi soċjali għal gruppi vulnerabbli.
9. Il-Kumitat EMPL ifakkar ukoll li l-kundizzjonijiet prevalenti ta' diffikultajiet ta' inflazzjoni għolja fil-proviżjonament tal-katina tal-provvista tal-enerġija u l-materja prima u diversi kriżijiet qed jittfgħu pressjoni fuq ir-riżorsi baġitarji disponibbli tal-Unjoni, dawn għandhom jintużaw b'mod adegwat sabiex l-isfidi attwali u futuri fl-UE jiġu indirizzati b'mod effiċjenti. Il-kriżijiet kontinwi qed jaffettwaw b'mod negattiv ix-xenarju soċjoekonomiku tal-UE, b'impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ġhajxien, u b'hekk qed jheddu t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi. Il-baġit tal-UE għall-2025 jeħtieġ li jindirizza b'mod effettiv il-ħtiġijiet li qed jevolvu, b'mod partikolari fid-dawl tal-inflazzjoni li qed tiżdied, iż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni, tal-ikel u

tal-enerġija, il-vulnerabbiltajiet dejjem jikbru, it-twessigħ tal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi, u l-eskalazzjoni u l-aggravar tal-faqar, inkluż il-faqar enerġetiku, li jaffettwaw lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli. L-istaġnar fil-pagi fir-rigward tal-inflazzjoni jżid ir-riskju ta' tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist għall-ħaddiema, li potenzjalment jaggrava l-kundizzjonijiet tal-għajxien kif ukoll is-saħħa mentali. Din is-sitwazzjoni se tkompli tagħmel pressjoni fuq il-kapaċità tal-politiki soċjali u tal-istabbilizzaturi awtomatiċi, inklużi l-iskemi nazzjonali tal-qgħad. Iqis li hemm bżonn urġenti li jogħlew il-pagi sabiex tiġi sostnuta d-domanda interna u t-tkabbir inklużiv, u jonqos l-impatt tal-kriżi doppja fuq il-ħaddiema u fuq il-familji.

10. Il-Kumitat EMPL itenni l-appell tiegħu għal strateġija globali kontra l-faqar mġhammra b'objettivi ambizzjużi biex jonqos il-faqar u jintemm il-faqar estrem fl-Ewropa sal-2030, f'konformità mal-prinċipji tal-EPFR u b'kunsiderazzjoni tal-SDGs.
11. Il-Kumitat EMPL jisħaq li n-nisa, speċjalment fil-kuntest tal-kriżijiet u tal-gwerra fl-Ukrajna, jiffaċċjaw riskji ta' impjegi u riskji soċjali akbar. Il-kisba tal-mira tal-impjegi mid-Dikjarazzjoni ta' Porto tirrikjedi għanijiet nazzjonali ambizzjużi biex in-nisa jiġu inklużi fil-forza tax-xogħol billi jinħolqu inċentivi, tinbena infrastruttura soċjali u jitneħħew l-ostakli u d-diskriminazzjoni. Il-Kumitat jappella għall-integrazzjoni ta' baġit sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru bil-għan li jittejjeb l-allinjament tal-politiki u tal-attivitajiet li jippromwov u l-parteċipazzjoni u t-trattament ugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol u li jinħolqu sistemi komprensivi biex jiġu mmonitorjati u jitkejlu l-allokkazzjonijiet tal-baġit maħsuba biex jippromwov u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-aċċess għall-impjegi u d-diskrepanzi fil-pagi u fil-pensjonijiet.
12. Barra minn hekk, il-Kumitat EMPL jesprimi tħassib dwar rati ogħla ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE meta mqabbla mal-qgħad ġenerali. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu prijorità lill-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, permezz tal-ingranaġġ ta' inizjattivi eżistenti bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Il-Kumitat jistieden lill-Istati Membri kollha biex jinvestu fl-impjieg taż-żgħażaġh. Jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u t-traineeships sabiex iż-żgħażaġh jingħataw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Il-Kumitat jisħaq dwar l-importanza li jsir investiment fil-kwalità u l-attraenza tagħhom permezz tal-FSE+ u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa filwaqt li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza tal-pożizzjonijiet fil-livell tad-dħul. Huwa jesprimi tħassib dwar il-prekarjetà bikrija tal-karriera minħabba Prattiki tax-xogħol abbużivi, li jimminaw l-indipendenza taż-żgħażaġh, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-kapaċità ta' aċċess għall-akkomodazzjoni. Jinnota li n-nisa u l-ħaddiema żgħażaġh b'livelli baxxi ta' edukazzjoni huma aktar suxxettibbli li jbatu minn prekarjetà bikrija fil-karriera. Il-Kumitat EMPL iqis li l-identifikazzjoni tar-riskji soċjali u l-kunsiderazzjoni tal-effetti diverġenti fuq l-impjegi u l-qgħad fit-tul fost industriji partikolari għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat.
13. Il-Kumitat EMPL iqis li l-identifikazzjoni tar-riskji soċjali u l-kunsiderazzjoni tal-effetti diverġenti fuq l-impjegi u l-qgħad fit-tul f'industriji u setturi partikolari għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat permezz ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet u l-ħolqien ta' impjegi attraenti u ta' kwalità aċċessibbli għal kulħadd, f'konformità mal-

objettivi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Tali miżuri jistgħu jgħinu biex jingħelbu d-differenzi strutturali bejn ir-reġjuni u biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-eżodu ta' m'hu, kif ukoll l-inugwaljanzi soċjali, inklużi l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel.

14. FI-2022, 24,7 % tat-tfal tal-UE ffaċċjaw il-faqar jew l-esklużjoni soċjali, filwaqt li ġie nnotat li r-rata tal-faqar fost it-tfal qed terġa' tiżdied u jinsabu mħassba li se tkompli tmur għall-aġar fis-snin li ġejjin. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw b'mod effettiv il-fondi disponibbli bħall-FSE+, il-FEŻR u InvestEU kif ukoll ReactEU u RRF biex jeqirdu l-faqar fost it-tfal, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal għas-salvagwardja tad-drittijiet essenzjali u tas-servizzi ewlenin bħall-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-kura u l-edukazzjoni, l-aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni xierqa. Il-Kumitat jappella biex jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun. Barra minn hekk, jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri kollha, mhux biss dawk l-aktar affettwati mill-faqar fost it-tfal, jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża biex jappoġġjaw attivitajiet fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal.
15. L-UE qed tiffaċċja sfidi demografiċi b'tixjiħ tal-popolazzjoni minħabba rati ta' fertilità li qed jonqsu u stennija tal-għomor estiża. Filwaqt li jissottolinja l-impatt qawwi li l-inċertezzi ekonomiċi għandhom fuq l-anzjani, il-kumitat jenfasizza n-nuqqas ta' reazzjonijiet ta' politika għall-impatt tat-tibdil demografiku. Jenfasizza l-importanza li jsir investiment f'akkomodazzjoni adegwata u li tkun għall-but ta' kulħadd, faċilitajiet ta' kura ta' kwalità u pubbliċi, u servizzi suffiċjenti ta' kura u appoġġ billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-persunal tal-infrastrutturi kritiċi – inklużi, iżda mhux limitati għal indoktraturi u professjonisti tas-saħħa. F'dan il-kuntest, jilqa' l-Istrateġija Ewropea għall-Kura u jappella għall-finanzjament adegwat tagħha fil-baġit 2025.
16. Il-Kumitat EMPL jisħaq fuq l-importanza ta' politiki u miżuri li jappoġġjaw it-tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomiji tagħna fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Għal dan l-għan, il-Kumitat EMPL jenfasizza l-importanza tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, li jkopri t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, inkluż it-taħriġ tal-ħaddiema affettwati fir-reġjuni deżinjati madwar l-Istati Membri, kif ukoll attivitajiet oħra fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali inklużi, investimenti fl-infrastruttura għall-finijiet ta' ċentri ta' taħriġ, faċilitajiet ta' kura tat-tfal u tal-anzjani. Il-Fond jgħin lill-ħaddiema affettwati jħaddnu opportunitajiet ġodda ta' impjieg kif ukoll jipprovdli kwalunkwe forma xierqa ta' appoġġ lil dawk li qed ifittxu impjieg, inkluż assistenza fit-tiftix ta' impjieg u l-inklużjoni attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol.
17. Il-Kumitat EMPL jisħaq li l-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) wera li kien ta' suċċess fil-ġlieda kontra l-qgħad bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tibbaża fuq l-istrument SURE biex tappoġġja l-iskemi nazzjonali li jipproteġu l-impjiegi u jippreservaw l-introjtu tal-ħaddiema li jistgħu jiġu attivati temporanjament meta parti mill-UE tesperjenza xokk ekonomiku; jinsisti li l-miżuri ta' emerġenza nazzjonali u tal-UE kollha, partikolarment dawk assoċjati mal-protezzjoni tal-impjiegi u l-kumpens għall-introjtu, ikomplu u jiġu ffinanzjati mill-ġdid dment li l-

konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-gwerra jibqa' jkollhom impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol u sakemm l-ekonomija tirkupra kompletament u s-suq tal-impjiegi jkun stabbli.

18. Għandha tingħata l-attenzjoni dovuta liċ-ċittadini kollha f'riskju ta' faqar enerġetiku, sfida ewlenija għall-Unjoni. Il-Fond Soċjali għall-Klima għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri u l-investimenti magħżula jkunu mmirati b'mod partikolari lejn unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, li huwa kruċjali għat-tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. Il-Kumitat EMPL jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu fuq il-Fond Soċjali għall-Klima u jikkunsidraw l-iżvilupp ta' skemi ta' protezzjoni soċjali ekoloġiċi fil-livell nazzjonali bl-appoġġ tal-UE sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza soċjali kontra l-impatti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali billi jiġu indirizzati l-effetti sekondarji tal-politiki ekoloġiċi fuq l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u biex jiġi żgurat li l-komunitajiet milquta jkunu ppreparati bis-sħiħ għas-suq tax-xogħol il-ġdid u jirrimarka li dawn l-iskemi jenħtieġ li jinkludu l-protezzjoni soċjali u tas-saħħa, il-protezzjoni kontra l-qgħad ikkomplementata minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema, programmi ta' xogħlijiet pubbliċi li jipprovdu appoġġ fi flus jew *in natura* filwaqt li jtejbju l-ħiliet u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema, il-benefiċċji tal-assistenza soċjali li jappoġġjaw l-introjtu u s-sigurtà tal-ikel, skemi ta' garanzija tal-impjiegi kif ukoll taħriġ jew taħriġ mill-ġdid, żvilupp tal-ħiliet u skemi ta' finanzjament biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi jtejbju l-effiċjenza enerġetika tad-djar tagħhom biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku.
19. Il-Kumitat EMPL jirrappreżenta politiki tal-familja u politiki soċjali li jgħinu lit-tfal jiksbu bidu aħjar fil-ħajja u jiżguraw bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ħaddiema kollha. Dan huwa partikolarment importanti għall-persuni li jindokraw u għall-ġenituri, speċjalment għan-nisa li l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol trid tiġi żgurata. Huwa jinsisti fuq l-importanza ta' liv tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri u tal-kura mħallsa b'mod adegwat kif ukoll politiki tat-treddiġ, u jinkoraġġixxi arranġamenti tax-xogħol flessibbli fuq bażi volontarja inklużi t-telexogħol u l-adattament tas-siġhat u l-iskedi tax-xogħol biex ix-xogħol u l-ħajja personali jiġu akkomodati aħjar.
20. Il-Kumitat EMPL jirrimarka li l-FSE+ huwa wieħed mill-ixprunaturi ewlenin għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni u l-istrument prinċipali tal-UE biex isir investiment fin-nies, jiġu promossi livelli għoljin ta' impjiegi, jingħata kontribut lill-modernizzazzjoni tal-protezzjoni soċjali u tiġi żviluppata forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet u reżiljenti lesta għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, f'konformità mal-prinċipji tal-EPSSR. Jenfasizza wkoll l-importanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema Ssensjati (FEG), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), ReactEU bir-riżorsi addizzjonali tagħha għall-FSE+, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD).
21. Il-Kumitat EMPL iqis is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol bħala kwistjoni ewlenija ġdida tal-politika soċjali. Id-dinja tax-xogħol qed tinbidel b'ritmu mgħaġġel. Il-pandemija aċċellerat realtjiet ġodda, forom ġodda ta' xogħol riżultat tad-diġitalizzazzjoni, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (IA), affettwaw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema. F'din il-perspettiva, jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni

Ewropea biex tnedi approċċ komprensiv dwar is-saħħa mentali u jfakkar fil-pożizzjoni tiegħu li tappella għal Direttiva dwar id-dritt għall-iskonnessjoni u r-regoli tat-telexogħol, kif ukoll Direttiva dwar ir-riskji psikoloġiċi u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol.

22. Il-Kumitat EMPL iqis li l-investment fit-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet huwa essenzjali biex tiġi indirizzata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, għall-kisba ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għat-tisħiħ tal-kompetittività sostenibbli u r-reżiljenza tal-Unjoni kontra xokkijiet esterni. Filwaqt li diversi setturi, inklużi s-servizzi tal-kura, ma għandhomx forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, li jkun hemm ħiliet aktar xierqa mhux biss joħloq opportunitajiet ġodda, jiżgura integrazzjoni u tranżizzjoni aktar rapidi tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol, irawwem l-inklużjoni soċjali u jista' jkun sors ta' awtosodisfazzjon iżda jagħti wkoll is-setgħa lill-individwi biex jinvolve ruħhom b'mod attiv fis-suq tax-xogħol. Is-sena Ewropea tal-Ħiliet għandha l-għan li tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet, li jaffettwa 77 % tal-kumpaniji fl-Unjoni, permezz ta' inizjattivi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet. L-għan huwa li jiġi appoġġjat it-tkabbir sostenibbli fl-ekonomija soċjali tas-suq tal-Unjoni, tingħata spinta lill-kompetittività, b'mod partikolari l-SMEs u jingħata kontribut għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust. Jieħu nota tal-Mekkaniżmu ta' Spinta tal-Talent bħala inizjattiva ddedikata u komprensiva ġdida biex tingħata spinta lit-"talent" f'reġjuni li qed jiffaċċjaw jew li jinsabu f'riskju li jiffaċċjaw "nassa tal-iżvilupp tal-talenti";
23. Il-Kumitat EMPL iqis li l-Pjattaforma tal-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) hija komponent importanti tal-istrateġija Ewropea biex jissaħħu l-investimenti f'teknoloġiji kritiċi u emerġenti. Din l-inizjattiva tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u l-ħtiġijiet ta' ħiliet, billi tistabbilixxi programmi ta' taħriġ iddedikati permezz tal-Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, bl-għan li jissaħħu s-sovranità u s-sigurtà Ewropej filwaqt li jagħtu spinta lill-kompetittività tal-Unjoni fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Huwa jtenni wkoll l-appell tiegħu għal Fond Ewropew ta' Sovranità komplut biex tkun żgurata l-awtonomija strateġika tal-UE, inkluż l-investment fil-kapital uman u f'ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, jiġi promoss aċċess inklużiv għal impjegi ta' kwalità u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' xogħol u ta' ħiliet kritiċi għal setturi ekonomiċi u industrijali ewlenin.
24. Il-Kumitat EMPL ifakkar fil-ħidma essenzjali mwettqa mill-ħames aġenziji u awtoritajiet tal-UE attivi fl-oqsma tal-politika soċjali u tal-impjegi, jiġifieri l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, il-Fondazzjoni Ewropea għall-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ. Huwa jqis li dawn l-aġenziji u awtoritajiet irid ikollhom biżżejjed persunal u riżorsi adegwati, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-inflazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw il-mandat tagħhom, jilhqqu l-oġettivi tagħhom u jwettqu l-kompiti tagħhom li qed jevolvu. Ifakkar li l-kompiti tal-aġenziji jevolvu f'konformità mal-prijoritajiet tal-politiki u jisħaq li r-responsabbiltajiet l-ġodda jridu jkunu akkumpanjati minn riżorsi korrispondenti.
25. Il-Kumitat EMPL ifakkar li l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji huma essenzjali biex jiġu ttestjati inizjattivi ġodda ta' politika fl-oqsma tal-impjegi u l-inklużjoni

soċjali, inkluż permezz tal-ġbir tad-data. Ifakkar madankollu, li l-valutazzjoni tagħhom hija ankrata fil-ftehim interistituzzjonali u jtenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tevalwa l-proposti ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji b'mod imparzjali abbażi ta' valutazzjoni ġuridika u finanzjarja, b'mod li jirrifletti l-mertu tal-proposti. Jesprimi d-diżappunt ripetut tiegħu dwar il-valutazzjoni skarsa u mhux ċara tal-proposti fis-snin reċenti u jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi spjegazzjonijiet preċiżi u dettaljati ta' dawn il-valutazzjonijiet, flimkien ma' eżempji konkreti tal-miżuri tal-UE li jitqiesu li "jkopru" l-proposti. Ifakkar ukoll li l-implimentazzjoni ta' proġett pilota adottat jew ta' azzjoni preparatorja adottata trid tibqa' fidila għall-proposta adottata.

26. Il-Kumitat EMPL jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ adegwat għad-djalogu soċjali u għall-kapaċità tas-sħab soċjali kif ukoll il-ħtieġa li jiġi garantit appoġġ adegwat għal miżuri ta' informazzjoni u taħriġ. Għalhekk, jappella lill-Kummissjoni biex ma tnaqqasx l-allokkazzjonijiet għal dawn il-linji baġitarji fl-abbozz tal-baġit tagħha għall-2025 kif kien il-każ fl-aħħar sentejn. Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-sħab soċjali, l-UE għandha tippromwovi r-rwol tagħhom, tqis id-diversità nazzjonali u tiffaċilita d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv f'konformità mal-Artikolu 152 tat-TFUE. Jemmen li, meta jitqiesu l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi eżistenti, fis-snin li ġejjin se jkun meħtieġ aktar appoġġ għad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, għas-sħab soċjali u għall-miżuri ta' taħriġ u jappella għal konsultazzjoni effettiva u sinifikanti mas-sħab soċjali fl-ipprogrammar, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi rilevanti tal-UE.
27. Il-Kumitat EMPL jitlob li jinħoloq programm li jippromwovi kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tat-trade unions, tas-sħubija fi trade unions, tan-negozjar kollettiv u tal-kuntratti tax-xogħol biex tinkiseb soċjetà aktar ġusta, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tal-pagi u tal-kundizzjonijiet tal-ħajja.
28. Il-Kumitat EMPL jilqa' s-summit il-ġdid tas-sħab soċjali f'Val Duchesse li se jsir fl-2024. Iqis dan is-summit bħala opportunità biex titqajjem kuxjenza u jinstabu soluzzjonijiet dwar il-politiki soċjali; huwa jinsisti fuq l-involvement attiv tal-Parlament Ewropew fid-diskussjonijiet.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f' dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

05.2.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Linji Gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2023/2220(BUI))

Sur President,

Għażiż Sur Van Overtveldt,

Fit-28 ta' Novembru 2023 il-koordinaturi tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) iddeċidew li l-Kumitat ENVI jagħti opinjoni fil-forma ta' ittra dwar il-Linji Gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2022/2220(BUI)). Għalhekk, kemm bħala President tal-Kumitat ENVI kif ukoll bħala rapporteur permanenti għall-baġit, ippermetteli ngħaddilek il-kontribut tal-Kumitat ENVI fl-għamla ta' paragrafi ta' riżoluzzjoni adottati mill-Kumitat ENVI fil-laqgħa tiegħu¹ tal-24 ta' Jannar 2024 u nitlob ġentilment li jiġi kkunsidrat mill-kumitat tiegħek:

– Jenfasizza li l-instabbiltà u l-insigurtà kkawżati mill-aggressjoni Russa fil-konfront tal-Ukrajna jirrikjedu mhux biss Unjoni aktar magħquda u solidali, iżda wkoll Unjoni indipendenti mil-lat tal-enerġija li tmexxi t-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta, mingħajr ma tħalli lil ħadd lura u tindirizza l-faqar enerġetiku; josserva li s-sitwazzjoni ġeopolitika gravi la għandha tiddevja l-attenzjoni u lanqas tnaqqas ir-ritmu tal-isforzi intiżi li jilhq u l-objettiv tan-newtralità klimatika ffissat għal sa mhux aktar tard mill-2050;

¹ Kienu preżenti għall-votazzjon finali: Pascal Canfin (President), Bas Eickhout (Viċi President), Anja Hazekamp (Viċi President), César Luena (Viċi President), Mazaly Aguilar, Catherine Amalric, Maria Arena, Katarina Barley, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Michael Bloss, Daniel Buda, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Asger Christensen, Christophe Clergeau, Nathalie Colin-Oesterlé, Ana Collado Jiménez, Maria Angela Danzi, Marie Dauchy, Matthias Ecke, Pietro Fiocchi, Heléne Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Paola Ghidoni, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Jan Huitema, Martin Häusling, Peter Jahr, Karin Karlsbro, Billy Kelleher, Ska Keller, Petros Kokkalis, Danilo Oscar Lancini, Peter Liese, Javi López, Thierry Mariani, Lydie Massard, Sara Matthieu, Liudas Mažylis, Nora Mebarek, Dace Melbārde, Marina Measure, Silvia Modig, Dolores Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Nikos Papandreou, Francesca Peppucci, Jessica Polfjärd, Stanislav Polčák, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, Frédérique Ries, Manuela Ripa, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Sara Skytvedal, Maria Spyrali, Edina Tóth, Achille Variati, Idoia Villanueva Ruiz, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Thomas Waitz, Mick Wallace, Jürgen Warborn, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Stefania Zambelli, Esther de Lange, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Michaela Šojdrová.

– Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-baġit fit-tul tal-UE għall-perjodu 2021-2027, flimkien ma' NextGenerationEU, jimmira li jimplimenta l-prijoritajiet fit-tul tal-UE f' diversi oqsma, fosthom il-klima u l-ambjent; jenfasizza, b' mod partikolari, li EUR 401 miljun ġew allokat għar-riżorsi naturali u għall-ambjent, filwaqt li 30 % tan-nefqa totali tal-UE huwa allokat għal proġetti relatati mal-klima; jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, il-ħsieb li jiżiedu l-fondi b'EUR 10 biljun fl-analiżi ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, speċjalment fir-rigward tal-prijoritajiet marbuta mal-ambjent u mal-klima; isostni l-bżonn ta' EUR 1 biljun oħra, fl-ambitu tal-Intestatura 3 “Riżorsi naturali u ambjent”, li jinkludi n-nefqa u l-investimenti relatati mal-agrikoltura, mas-setturi marittimi, mal-klima, mal-ħarsien tal-ambjent, mas-sigurtà tal-ikel u mal-iżvilupp rurali², bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali b'aktar flessibilità³;

– Ifakkar li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali huma żewġ objettivi fost l-objettivi ewlenin ta' NextGenerationEU u li l-element ċentrali tiegħu – il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) – mistenni jiġgwida lill-UE lejn futur aktar sostenibbli billi jforni aktar minn EUR 700 biljun f'għotjiet u f'self lill-Istati Membri; jišhaq fuq il-bżonn li jiġi żgurat li l-RRF tikkontribwixxi biex jiġu integrati l-azzjoni dwar il-klima u s-sostenibilità ambjentali kif ukoll biex jintlaħaq l-għan tal-UE tan-newtralità klimatika sal-2050, permezz tas-sostenn mogħti lill-Istati Membri għar-riformi tagħhom fl-ambitu tal-kapaċitajiet u tat-teknoloġiji ekoloġiċi, fosthom il-mobbiltà sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-ekonomika ċirkolari u l-bijodiversità; ifakkar li, biex jirċievu dawn il-fondi, l-Istati Membri jeħtiġilhom iħejju pjanijiet li jiddedikaw mill-inqas 37 % tan-nefqa totali tagħhom lill-investimenti u lir-riformi b' appoġġ għall-objettivi relatati mal-klima; jistieden lill-Parlament jeżerċita l-funzjoni ta' sorveljanza tiegħu fuq l-RRF billi jivvaluta jekk il-pjanijiet nazzjonali humiex konformi mal-objettivi relatati mal-klima u mal-ambjent⁴;

– Jissottolinja l-fatt li l-baġit tal-UE għall-2025 jenħtieġ li jkun allinjat mal-ambizzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima skont liema l-UE ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 u mal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi skont liema ż-żieda medja tat-temperatura dinjija tinżamm taħt iż-2 °C meta mqabbla maż-żminijiet preindustrijali;

– Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni, tal-Parlament u tal-Kunsill biex isaħħu l-kontribut tal-baġit tal-UE għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, kif maqbul fil-Ftehim Interistituzzjonali ta' Diċembru 2020⁵; jenfasizza l-bżonn li jiġu żgurati rizzorsi essenzjali għall-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità, li jiggarrantixxi li l-programmi Ewropej kollha, fi kwalunkwe qasam, iqisu l-prijoritajiet relatati mal-klima u mal-bijodiversità fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tagħhom; ifakkar fl-importanza li jintlaħaq l-objettiv ta' 32,6 % għall-infiq fuq il-klima tal-baġit tal-UE ta' EUR 578 biljun; jišhaq fuq l-importanza li jiġi żgurat il-funzjonament tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, li

² Kummissjoni Ewropea, “Heading: spending categories”, disponibbli fuq https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/long-term-eu-budget/2021-2027/spending/headings_mt.

³ Karoline Kowald, “Mid-term revision of the 2021-2027 MFF: Interim report on Commission proposal”, disponibbli fuq [https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document/EPRS_ATA\(2023\)753945](https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document/EPRS_ATA(2023)753945).

⁴ https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/green.html?lang=mt.

⁵ FII = Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar rizzorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' rizzorsi proprji ġodda (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.LI.2020.433.01.0028.01.MTL>).

jippermetti lill-Kummissjoni tieħu azzjoni ta' kumpensazzjoni biex tagħlaq il-lakuni ħalli tilħaq l-objettiv ta' nfiq fuq il-klima kumplessiv għall-baġit tal-UE⁶;

– Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-integrazzjoni tal-bijodiversità, il-bżonn li jiġi indirizzat it-telf ta' bijodiversità u jiġu ripristinati l-ekosistemi billi jsiru investimenti sinifikanti u jintlaħaq l-objettiv ta' allokkazzjoni ta' mill-inqas 7,5 % tan-nefqa annwali għall-objettivi marbuta mal-bijodiversità fl-2024 u 10 % kemm fl-2026 kif ukoll fl-2027; jissottolinja li jridu jsiru aktar sforzi fi ħdan il-baġit tal-Unjoni għall-2025 biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi tal-infiq għall-bijodiversità stabbiliti għas-snin 2026 u 2027; jišhaq fuq il-fatt li l-baġit tal-UE jrid ikun fattur fundamentali fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030, skont liema l-azzjoni favur il-bijodiversità teħtieġ mill-inqas EUR 20 biljun fis-sena li jirriżultaw minn “finanzjamenti privati u pubbliċi fil-livell nazzjonali u tal-UE”⁷;

– Jinsisti fuq il-bżonn li jsir monitoraġġ b'mod trasparenti tan-nefqa relatata mal-klima u mal-bijodiversità permezz ta' rapportar affidabbli u komprensiv fid-dokumenti tal-baġit u fuq is-sit web iddedikat għall-prestazzjoni, u jišhaq fuq il-bżonn ta' evalwazzjonijiet *ex post* b'enfasi fuq l-impatt; jitlob li l-metodoloġija għall-infiq fuq il-klima tagħmel distinzjoni bejn il-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament għall-klima, meta jkun fattibbli; jistenna u jišhaq fuq il-bżonn li l-Kummissjoni tressaq metodoloġija komprensiva u bbażata fuq l-effetti msejsa fuq il-koeffiċjenti tal-UE għall-klima u tirrapporta kull sena dwar in-nefqa tal-passat u tal-futur għas-seba' snin kollha tal-QFP, bil-għan li tiżgura integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità sinifikanti u mfassla sew; jišhaq fuq l-importanza li tiġi evitata l-approssimazzjoni qarrieqa tal-kontribut tal-infiq għall-objettivi relatati mal-klima u mal-bijodiversità, fosthom in-nuqqas ta' objettivi espliċiti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivverifika l-kwalità tan-nefqa fil-livell tal-programmi; ifakkar lill-Kummissjoni biex tippubblika l-analiżi ta' nofs it-terminu wara li tikkonsulta lill-Parlament u lill-partijiet ikkonċernati u tippreżenta proposta relatata jekk l-objettivi ma jintlaħqux;

– Jitlob li, f'kull programm baġitarju tal-UE, jiġi rispettata l-impenn favur il-prinċipju “la tagħmilx ħsara (sinifikanti)” (DNH); jišhaq fuq il-bżonn li l-prinċipju DNH jissarraff fil-prattika billi tiġi limitata n-nefqa b'riperkussjonijiet potenzjalment negattivi fuq il-klima u l-ambjent⁸; jišhaq ukoll li r-rispett tal-prinċipju jenħtieġ li jiġi żgurat fil-baġit kollu u li l-miżuri korrettivi neċessarji jenħtieġ li jittieħdu mill-aktar fis possibbli;

– Jistieden lill-koleġiżlaturi jikkonkludu malajr il-fajls leġiżlattivi pendenti fil-pakkett “Lesti għall-mira ta' 55 %” u jenfasizza wkoll il-bżonn li din il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata bil-għan li jintlaħaq l-objettiv intermedju tat-tnaqqis ta' 55 %, sal-2030, tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni rapida u effikaċi tar-riformi u tar-regoli l-ġodda;

⁶ Kummissjoni Ewropea, “Climate Mainstreaming”, https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/performance-and-reporting/horizontal-priorities/green-budgeting/climate-mainstreaming_en?prefLang=mt.

⁷ Kummissjoni Ewropea, “Biodiversity Mainstreaming”, https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/performance-and-reporting/horizontal-priorities/green-budgeting/biodiversity-mainstreaming_mt.

⁸ SWD(2022)0225, https://commission.europa.eu/system/files/2023-06/swd_2022_225_climate_mainstreaming_architecture_2021-2027.pdf.

– Ifakkar fil-bżonn li jiġi żgurat li terz tal-investiment ta' EUR 1,8 triljun mill-pjan ta' rkupru ta' NextGenerationEU u l-baġit tal-UE għal seba' snin se jiffinanzjaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inizjattivi relatati; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-bżonn li jiġu allokat i biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, tal-Istrateġija industrijali Ewropea, tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, tar-Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji⁹, tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030 u tal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, u li tiġi garantita enerġija nadifa, ekonomikament aċċessibbli u sigura¹⁰;

– Jisħaq fuq il-bżonn li tintwera żieda aktar ambizzjuża fl-allokkazzjoni tal-fondi għal kull programm, pereżempju l-programm LIFE, għall-finanzjament tal-proġetti relatati mal-klima u mal-ambjent kif ukoll il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex tagħti għajna lir-reġjuni l-aktar vulnerabbli b'intensità għolja ta' karbonju li quddiemhom għanhom kostijiet ekonomiċi u soċjali tat-tranżizzjoni klimatika; jitlob l-“ekoloġizzazzjoni” tal-programmi u tal-fondi rilevanti kollha l-oħra, inkluża integrazzjoni proattiva tal-finanzjament għall-klima u għall-bijodiversità fl-attivitajiet ta' programmazzjoni¹¹;

– Jenfasizza l-bżonn ta' tħejjija u prevenzjoni aħjar permezz tal-implimentazzjoni tal-miżuri fil-qasam tal-adattament għall-klima bil-għan li l-Unjoni tkun tista' tipprevjeni l-emerġenzi u tirreaġixxi għalihom, pereżempju l-għargħar ta' dan l-aħħar, in-nirien, in-nixfiet u fenomeni mhux previsti oħrajn; jisħaq fuq l-importanza kostanti li jiġi żgurat il-finanzjament adegwat tal-mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili;

– Ifakkar li l-Kummissjoni hija responsabbli biex taċċerta li l-pajjiżi kollha tal-UE japplikaw b'mod korrett id-dritt tal-UE u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet f'termini ta' riżorsi finanzjarji u umani għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni;

– Jisħaq fuq l-importanza li jiġu allokat i biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani lill-aġenziji Ewropej fl-isfera ta' kompetenza tal-Kumitat ENVI, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jiżvolġu r-rwol fundamentali tagħhom fit-tfassil tal-politiki Ewropew b'reazzjoni għall-kriżijiet li għandha quddiemha l-UE;

– Jisħaq fuq l-importanza tal-prevenzjoni u tat-tħejjija aħjar għall-għlieda kontra t-theddid futur għas-saħħa; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu żgurati d-disponibbiltà kontinwa u l-aċċessibbiltà ekonomika tal-mediċini b'risq is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini; jenfasizza d-dipendenza attwali tal-UE mill-ingredjenti farmaċewtiċi attivi (APIs) u mill-materji primi kimiċi importati mill-pajjiżi mhux tal-UE u jisħaq ukoll fuq il-bżonn li tinkiseb awtonomija strateġika aktar

⁹ Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE, ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1.

¹⁰ COM(2019)0640.

¹¹ SWD(2022)0225, https://commission.europa.eu/system/files/2023-06/swd_2022_225_climate_mainstreaming_architecture_2021-2027.pdf.

indipendenti u miftuħa fil-katina tal-provvista farmaċewtika;

– Jisħaq ukoll fuq l-importanza li jissaħħu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa filwaqt li jitnaqqsu d-disparitajiet fl-aċċess ugwali u ekwu għall-assistenza tas-saħħa u għall-mediċini; jisħaq li n-nefqa relatata mas-saħħa għandha ssegwi l-approċċi “Saħħa Waħda” u “Saħħa fil-Politiki Kollha”; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stabbilita viżjoni globali komuni dwar l-approċċ “Saħħa Waħda” u t-tħejjija għall-pandemiji, għax din għadha ma teżistix; ifakkar fil-periklu tal-iskarsezzi tal-mediċini essenzjali u jitlob li minnufih jittieħdu miżuri li jiżguraw offerta kontinwa u d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ekonomika tal-aktar mediċini u komponenti kritiċi¹²;

– Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li aktar minn 50 % tal-baġit tal-programm l-UE għas-Saħħa ġie allokati għal inġenierar operazzjonali tal-Awtorità Ewropea għat-Tħejjija u għar-Rispons f’Każ ta’ Emerġenza tas-Saħħa (DG HERA) tal-Kummissjoni u jisħaq fuq l-importanza li jiġu allokati finanzjamenti adegwati għall-attivitajiet fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, inkluż appoġġ suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa;

– Jissottolinja, f’dan ir-rigward, li bosta epidemiji għandhom rabta maż-żieda tal-mard infettiv u li jenħtieġ li jiżiedu b’mod konsiderevoli l-isforzi tal-Unjoni maħsuba biex jiġġieldu r-reżistenza għall-antimikrobiċi; jisħaq ukoll fuq il-bżonn ta’ kooperazzjoni aktar b’saħħitha mas-sħab internazzjonali bil-għan li jintlaħaq ftehim globali dwar l-użu tal-antimikrobiċi u l-aċċess għalihom;

– Jenfasizza l-bżonn li titkompla l-ġlieda tal-UE kontra l-kanċer billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer permezz ta’ finanzjamenti adegwati; jilqa’ pożittivament l-użu tal-fondi mill-programm l-UE għas-Saħħa u mill-istrumenti l-oħra tal-UE li se joffru appoġġ finanzjarju sostanzjali li jammonta għal EUR 4 biljun lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex is-sistemi sanitarji tagħhom isiru aktar sodi u kapaċi jindirizzaw il-kanċer¹³;

– Jisħaq fuq l-importanza ta’ sistema msaħħa ta’ riżorsi proprji tal-UE kapaċi tilqa’ l-isfidi u tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Unjoni marbuta mas-saħħa, mal-ambjent u mal-klima, u għall-irkupru tad-dejn ta’ NextGenerationEU; ifakkar li l-baġit tal-UE huwa komplementari għall-baġits nazzjonali tal-Istati Membri u jippermetti lill-UE żżomm u saħansitra ssaħħaħ ir-rwol tagħha ta’ attur globali biex tindirizza l-isfidi ta’ żminijietna;

Bgħatt ittra simili lis-Sur Victor Negrescu, rapporteur ġenerali għall-baġit 2025.

Dejjem tiegħek,

¹² COM(2023)0672.

¹³ Europe’s Beating Cancer Plan: Communication from the Commission to the European Parliament and the Council, disponibbli fuq https://health.ec.europa.eu/system/files/2022-02/eu_cancer-plan_en_0.pdf.

Pascal Canfin

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-President fil-kapaċità tiegħu bħala rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

23.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL


Suġġett: Opinjoni fil-forma ta' ittra dwar il-Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Novembru 2023, il-Kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Jannar 2024. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,



Cristian-Silviu Buşoi
President



Christian Ehler
Rapporteur

SUĠĠERIMENTI

1. Ifakkar li l-Baġit tal-Unjoni għall-2025 irid jirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-leġiżlatura l-għdida, li għandha tiffoka fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi maqbula fil-QFP attwali u fuq l-implimentazzjoni tal-oġġettivi ambizzjużi tan-newtralità klimatika u diġitali fi ħdan dawn il-programmi; jirrifjuta l-idea li sfidi ġodda jew pagamenti tal-imgħax għoljin mhux mistennija jistgħu jiġu ffinanzjati billi jitnaqqsu l-programmi emblematiċi eżistenti bħal Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali u l-Fond Ewropew għad-Difiża;
2. Jisħaq li huwa meħtieġ finanzjament addizzjonali suffiċjenti tal-UE biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni l-għdida tal-UE b'appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-enerġija u dawk ambjentali u diġitali, b'mod partikolari l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), li għandha tipprovdi finanzjament biex tappoġġja l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, u tiżgura l-implimentazzjoni b'suċċess tal-pakketti leġiżlattivi "leste għall-mira ta' 55 %" tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, dwar id-disinn tas-suq tal-elettriku u s-swieq tal-gass rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu; jinsisti li l-inizjattivi tal-UE bħall-Bauhaus Ewropea l-Għdida, il-Konnettività Sigura, l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep u l-Bank tal-Idroġenu, għandhom jiġu allokat i baġit addizzjonali, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tagħhom u jiżdied il-livell ta' ambizzjoni tagħhom; jissottolinja speċifikament il-miri maqbula skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, li jeħtieġ li jiġu appoġġjati minn finanzjament nazzjonali u tal-UE inkluż il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll il-Fond Soċjali għall-Klima;
3. Jinsisti li l-baġit tal-Unjoni għall-2025 irid ikompli jindirizza l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, billi jipprovdi appoġġ dirett u programmi ta' kooperazzjoni għall-Ukrajna, u b'mod aktar ġenerali billi jsaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, l-indipendenza enerġetika, il-kompetittività b'enfasi speċifika fuq l-SMEs, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u n-negozji ġodda, it-tranżizzjoni diġitali, iċ-ċibersigurtà u l-kapaċitajiet ta' difiża;
4. Ifakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE u l-kompetittività tal-industriji tal-Unjoni, b'politiki industrijali futuri tal-UE li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi soċjali u ekoloġiċi; jemmen għalhekk li l-Baġit tal-Unjoni għall-2025 għandu jinvesti b'mod qawwi fil-kompetittività industrijali, filwaqt li joħloq perkorsi lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali, filwaqt li jiżgura l-ktajjen tal-provvista tal-UE għal firxa ta' setturi u teknoloġiji strateġiċi; jikkunsidra li l-awtonomija teknoloġika, it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità huma kruċjali biex nilħqu l-oġġettivi fit-tul tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima; jinnota bi tħassib l-impatt tal-kriżi tal-enerġija fuq l-industriji intensivi fl-enerġija u s-setturi relatati; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet għat-talba u approvazzjoni rapida tal-għajjnuna mill-Istat; itenni l-appell biex jinżamm finanzjament viżibbli u ddedikat għall-SMEs, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-programmi ta' negozji ġodda, sabiex jiġi kkonfermat l-impenn tal-Unjoni Ewropea li tappoġġja r-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali; jisħaq li huma meħtieġa investimenti ekoloġiċi u soċjali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ġusta;
5. Ifakkar li l-baġit 2025 għal Orizzont Ewropa se jkun l-ewwel baġit annwali taħt it-Tieni

Pjan Strateġiku għal Orizzont Ewropa; jenfasizza li l-finanzjament tal-Orizzont għandu jkun biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi fuq terminu qasir għall-2030, filwaqt li jinżamm ukoll biżżejjed investiment fir-riċerka bikrija biex jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha l-bażi ta' għarfien li teħtieġ għall-isfidi tal-2040 u l-2050; jiddispjaċih li l-livell eżistenti ta' finanzjament ta' Orizzont Ewropa mhux biżżejjed biex jiġu żviluppati l-ideat u t-teknoloġiji meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, jew biex jintlaħqu l-għanijiet ta' tkabbir sostenibbli u awtonomija strateġika miftuħa; jitlob żieda fil-baġit 2025 għal Orizzont Ewropa, li tippermetti lil kull sottoprogramm jiffinanzja mill-inqas 50 % tal-proposti "eċċellenti" kollha, filwaqt li bħalissa aktar minn 70 % ta' tali proposti huma rrifjutati minħabba nuqqas ta' fondi; jappoġġja l-investimenti kontinwi f'inizjattivi strateġiċi ta' Orizzont Ewropa bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida; jinsisti li għandhom jintużaw id-diżimpenji kollha disponibbli skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju;

6. Jissottolinja li t-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija, u t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika li għaddejja minnha l-UE jfissru li l-kwistjoni tal-faqar enerġetiku se tkun waħda kruċjali fix-xhur u s-snin li ġejjin; jisħaq li t-taffija tal-faqar enerġetiku teħtieġ investimenti Ewropej u nazzjonali;

7. Jitlob finanzjament u persunal adegwati għall-aġenziji u l-korpi kollha tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika tal-industrija, ir-riċerka, l-enerġija u ċ-ċibersigurtà, sabiex ilaħħqu ma' żieda fl-ammont ta' xogħol u obbligi regolatorji ġodda.

**ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

23.01.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: **Opinjoni dwar il-Linji gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2023/2220(BUI))** Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Novembru 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Jannar 2024. Matul din il-laqgħa¹, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Dejjem tiegħek,

(iffirmata) Karima Delli

¹Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Karima Delli (President), Andris Ameriks (Viċi President), Magdalena Adamovicz, Izaskun Bilbao Barandica, Ciarán Cuffe, Markus Ferber, Carlo Fidanza, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Vlad Gheorghe, Roman Haider, Pär Holmgren, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Bogusław Liberadzki, Elżbieta Łukacijewska, Peter Lundgren, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Ljudmila Novak, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Thomas Rudner, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov, Viola von Cramon-Taubadel (sostitut ta' Anna Deparnay-Grunenberg skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura), Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo.

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-ftehim li jassoċja lill-Ukrajna mal-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) li jippermetti lill-promoturi tal-proġetti tal-Ukrajna japplikaw għall-finanzjament tal-UE għal proġetti ta' interess komuni fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija u diġitali, filwaqt li tkompli titjeb il-konnettività tal-Ukrajna mal-ġirien tagħha tal-UE li jappoġġjaw l-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-Suq Uniku tal-UE u jiġu promossi t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività;
2. Jisħaq li l-FNE għat-Trasport, li tiżgura kemm sistema u infrastruttura tat-trasport Ewropej interkonnessi, sikuri, intelliġenti u sostenibbli kif ukoll il-prijoritajiet il-ġodda kollha tal-Unjoni, hija għodda essenzjali għall-ekonomija Ewropea u s-Suq Uniku, għalhekk, pakkett finanzjarju suffiċjenti jrid ikun prijorità; f'dan ir-rigward, jilqa' ż-żieda għall-FNE għat-Trasport fil-baġit tal-2024 sabiex tissaħħaħ l-infrastruttura tat-trasport, madankollu, jisħaq li l-linja baġitarja tal-FNE għat-Trasport għandha tkompli tiżdied b'mod sinifikanti biex tirrifletti t-tnaqqis mis-snin preċedenti; jieħu nota tal-ħtiġijiet kbar ta' investiment għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u ż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni u l-materja prima, li qed ikunu ta' piż fuq il-proġetti ġodda tat-trasport u l-infrastruttura; jilqa' l-integrazzjoni tal-proġetti tat-trasport tal-Ukrajna u l-mobbiltà militari msaħħa; jisħaq, f'dan ir-rigward, il-prijorità ewlenija tat-tlestija tan-network TEN-T u l-estensjoni tal-kurituri tiegħu lejn l-Ukrajna, il-Moldova u s-sħab l-oħra fil-viċinat tal-Lvant;
3. Itenni li, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-theddid għas-sigurtà li qed jiżdied drastikament għall-Unjoni, il-baġit tal-mobbiltà militari huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel; f'dan il-kuntest, jilqa' ż-żieda għall-mobbiltà militari, madankollu, jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta soluzzjoni sostenibbli li tmur lil hinn mill-Istrumenti ta' Emerġenza; jitlob ir-ristabiliment tal-baġit totali fir-rigward tal-mobbiltà militari għal EUR 6,5 biljun fuq 7 snin, kif previst inizjalment; jappella għal kapaċità akbar tal-infrastruttura u l-ottimizzazzjoni tal-użu tagħha, kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll militari; jisħaq li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu identifikati l-ostakoli fl-infrastruttura fiżika tat-trasport fl-Istati Membri u biex jitnaqqsu d-distakki bejn it-TEN-T u n-networks militari tal-UE, inkluż billi jiġu żgurati fondi għall-appoġġ ta' proġetti b'użu doppju permezz tal-istrument tal-FNE għat-Trasport għall-mobbiltà militari; jitlob li jiġi żgurat li l-infrastruttura tintuża bl-aktar mod effettiv meta l-forzi militari jkollhom bżonn jiċċaqalqu; jitlob, għalhekk, li jkun hemm pakkett baġitarju adegwat li jissodisfa l-ħtiġijiet strateġiċi, jiżgura r-reżiljenza għolja tal-infrastruttura u jappoġġja t-teknoloġiji u l-aċċess għall-enerġija, sabiex il-forzi militari jkunu jistgħu jċaqilqu kapaċitajiet sostanzjali fi żmien qasir ħafna, u b'hekk dan jikkontribwixxi għal network ta' mobbiltà militari konness tajjeb, b'ħinijiet ta' reazzjoni iqsar u aktar siguri;
4. Jappella biex tittieħed azzjoni sabiex il-finanzjament għall-aġenziji Ewropej tat-trasport u għall-imprezzi konġunti jkun allinjat mal-livell ta' responsabbiltà tagħhom;

5. Ifaħħar ir-riżultat miksub permezz tal-proġett tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) – il-pilastru teknoloġiku tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew tal-Kummissjoni – bl-għan li jimmodernizza l-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u jitlob li jiġi żgurat finanzjament li jkun jaqbel mal-aġenda ambizzjuża tagħha;
6. Jieħu nota tal-avjazzjoni militari fl-Ewropa li topera f'żoni militari u għexieren ta' mtajar militari; jirrimarka li madwar 30 % tat-titjiriet militari Ewropej jaderixxu mar-regoli ġenerali tat-traffiku tal-ajru, filwaqt li l-bqija jippreżentaw traffiku tal-ajru operazzjonali; ifakkar li t-titjiriet militari jsiru għal varjetà wiesgħa ta' raġunijiet, b'mod partikolari għall-eżerċizzji ta' taħriġ, l-iżgurar tas-sigurtà nazzjonali (inklużi missjonijiet ta' sovranità) u l-ġestjoni ta' kriżijiet transfruntiera; jenfasizza, għal din ir-raġuni, li l-involviment militari estensiv fis-soluzzjonijiet SESAR huwa ta' importanza kbira biex jiġi żgurat li l-missjonijiet militari effettivi u l-użu tal-ispazju tal-ajru jkunu jistgħu jiġu allinjati ma' użi oħra tal-ispazju tal-ajru madwar l-Ewropa;
7. Jitlob kumpens għat-tnaqqis fil-finanzjament għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CAJU) peress li din għandha rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal kull passiġġier mit-trasport bl-ajru u fl-iżgurar ta' kontribut suffiċjenti għan-newtralità klimatika sal-2050;
8. Jisħaq il-ħtieġa partikolari li jiġi żgurat li l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) tingħata livell tajjeb ta' riżorsi biex tiggarantixxi livell għoli ta' trasport bl-ajru sikur u sostenibbli madwar id-dinja u tikkonforma mal-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni filwaqt li tiffaċċja, fost affarijiet oħra, l-isfida taċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet kritiċi; ifaħħar il-gwida li l-EASA pprovdiet lis-settur tal-avjazzjoni matul il-kriżi tal-COVID-19;
9. Jappella għal żieda fil-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-inizjattiva FueLEU Maritime li għadha kif ġiet adottata u responsabbiltajiet oħra li jistgħu jirriżultaw mir-reviżjoni tal-mandat tal-aġenzija;
10. Jinsisti li l-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) irid jkun iffissat mill-inqas fl-istess livell tal-baġits tal-aġenziji l-oħra fis-settur tat-trasport; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-ERA jkollha mezzi suffiċjenti biex taġixxi bħala awtorità effiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju; ifakkar fir-rwol tal-ERA fil-kisba tal-bidla dejjiema mit-triq għall-ferrovija flimkien mal-Impriża Konġunta Shift2Rail; barra minn hekk, jisħaq li l-finanzjament għall-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea jrid jiżdied b'mod sinifikanti, f'konformità mal-prijorità strateġika tal-Unjoni li ssir bidla lejn it-trasport ferrovjarju; jitlob li jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għat-tlestija tat-TEN-T, kif ukoll għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) u s-sezzjonijiet transfruntiera;
11. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fit-30 ta' Diċembru 2023 mill-Istati Membri tal-UE dwar it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni tal-ajru u marittimi mar-Rumanija u l-Bulgarija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza l-għażliet kollha possibbli biex tiddefendi d-dritt taċ-ċittadini Rumani u Bulgari għall-moviment liberu, filwaqt li tiżgura trasport bit-triq u mobbiltà bla xkiel bejn ir-Rumanija u l-Bulgarija u l-bqija tal-Unjoni biex tiżgura li s-Suq Uniku jaħdem għal kulħadd; jitlob lill-Istati Membri jaqblu dwar l-applikazzjoni

sħiħa tal-acquis ta' Schengen fir-Rumanija u fil-Bulgarija u javvanzaw id-diskussjonijiet sabiex jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri tal-art malajr kemm jista' jkun;

12. Jappella għal finanzjament iddedikat tal-UE għall-appoġġ ta' forom sostenibbli ta' turiżmu; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu għall-ġestjoni tal-kriżijiet biex tiżgura li s-settur tat-turiżmu jkun imħejji b'mod adegwat għal kriżijiet futuri; itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Turiżmu responsabbli biex tipprova appoġġ tekniku u amministrattiv lill-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jaċċessaw il-finanzjament u l-istrumenti finanzjarji tal-UE u jagħmlu użu minnhom;
13. Ifakkar fin-nuqqas tal-forza tax-xogħol fil-qasam tat-trasport fl-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jiġi żgurat appoġġ suffiċjenti għas-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għall-ħaddiema fil-qasam tat-trasport kif ukoll li jiġi ggarantit il-finanzjament ta' żoni ta' parkeġġ tat-trakkijiet b'sikurezza u sigurtà tajba madwar l-UE;
14. Jisħaq li, fl-2025, riżorsi finanzjarji suffiċjenti għandhom jiġu ddedikati speċifikament għaż-żoni rurali madwar l-Istati Membri tal-UE biex jitlestew il-links neqsin tat-trasport u biex titjieb il-mobbiltà tal-popolazzjoni rurali kif ukoll l-iżvilupp tat-turiżmu rurali u l-ekonomija.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma' f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

08.01.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Linji Gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2023/2220(BUI))

Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ntabal iressaq opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Novembru 2023, il-Kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Koordinaturi tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali adottaw l-ittra fl-24 ta' Jannar 2024, u ddeċidew li jistiednu lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt:

1. Jissottolinja l-inċertezzi dwar il-limiti massimi tal-baġit għall-2025 u l-flessibbiltajiet possibbli minħabba n-negozjati ta' rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP li ġejjin, li jagħmluha diffiċli li jinħarġu rakkomandazzjonijiet speċifiċi; jenfasizza li r-rieżami għandu tal-anqas jippreserva baġit pluriennali ambizzjuż fl-Intestatura 3, u fuq kollox, għandu jippreserva jew iżid il-baġit tal-PAK, minħabba l-isfidi li qed tiffaċċja l-agrikoltura tal-UE;
2. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà globali tal-ikel u tinkiseb awtonomija akbar fil-produzzjoni tal-UE; ifakkar fir-rwol fundamentali li għandha l-PAK fil-forniment ta' ikel sikur, ta' kwalità għolja u bi prezz għal but ta' kulħadd, kemm fl-iżgurar tad-dħul tal-bdiewa tal-UE, fil-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll fil-preservazzjoni ta' kundizzjonijiet agrikoli tajbin; jinsisti fuq l-importanza tal-kontinwità tal-programmi eżistenti tal-PAK;
3. Jenfasizza l-istima tat-telf ikkawżat mill-inflazzjoni ta' EUR 37 biljun, jew 10 % għall-perjodu 2021-27, għall-cluster tal-politika Agrikola u Marittima (li 95 % minnhom huma koperti mill-FAEG u l-FAEŻR) skont xenarju realistiku ta' inflazzjoni medja fi studju reċenti mitlub mill-Kumitat għall-Baġits¹; jinsab imħasseb ukoll dwar l-effetti negattivi fuq il-bdiewa minħabba żidiet fil-prezzijiet tal-input; jopponi bil-qawwa kwalunkwe proposta biex jiġu allokati mill-ġdid kull fond li jkun allokat minn qabel mill-PAK lil clusters oħra bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP;

¹ [The impacts of recent inflation developments on the EU finances \(L-impatti tal-iżviluppi reċenti tal-inflazzjoni fuq il-finanzi tal-UE\), 2023.](#)

4. Jilqa' d-deċiżjoni li tiżdied ir-riżerva agrikola bħala reazzjoni għall-kriżijiet fis-settur agrikolu filwaqt li fl-istess ħin jiddispjaċih li dan sar mingħajr konsultazzjoni mal-Parlament fil-kapaċità tiegħu ta' awtorità baġitarja; jinsisti fuq ir-rwol tal-Parlament fl-użu tar-riżerva; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi kriterji oġġettivi u trasparenti fl-allokazzjoni ta' dawn il-fondi u tirrapporta lura regolarment dwar l-użu tagħhom sabiex ittejjibha kontinwament; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun disponibbli finanzjament suffiċjenti mingħajr preġudizzju għall-pagamenti diretti lill-bdiewa u, meta jkun xieraq, tesplora l-possibbiltà li jiġu mobilizzati fondi barra mill-PAK;
5. Bħala għodda kritika għall-iżvilupp taż-żoni rurali, jistieden lill-Istati Membri jżidu l-livelli ta' appoġġ ipprovdut lill-bdiewa zghażaġh u jtejbu l-kundizzjonijiet ta' aċċess tagħhom għall-art u l-kreditu;
6. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur agroalimentari u l-ħtieġa li jiżdied il-baġit għall-programm ta' riċerka Orizzont iddedikat għall-agrikoltura.

Bħala President tal-Kumitat AGRI, nixtieq nitlob lill-Kumitat BUDG iqis din l-opinjoni kif xieraq fir-rapporti tiegħu dwar il-kwittanza proposta.

Dejjem tiegħek,

Norbert Lins

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-President jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma' f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

24.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

Is-Sur Johan Van Overtveldt President
Kumitat għall-Baġit
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Linji Gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2023/2220(BUI))

Sur Johan Van Overtveldt,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Novembru 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra. Huwa eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2024 u adotta l-opinjoni matul din l-istess laqgħa¹.

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni:

Jinsisti fuq is-simplifikazzjoni, l-effiċjenza amministrattiva u s-sinerġiji ma' programmi oħra ta' finanzjament u fuq fondi ġodda biex titjeb ir-rata ta' suċċess ġenerali ta' Erasmus+, Ewropa Kreattiva, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES), u t-tielet fergħa tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV).

Jisħaq li l-għotjiet għall-mobbilità għal finijiet edukattivi f' **Erasmus+** għandhom ikopru ż-żidiet fl-għoli tal-ħajja biex tiġi żgurata parteċipazzjoni aċċessibbli b' mod wiesa' u inklużiva. Jappella għal stabbiltà finanzjarja għall-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej u l-Akkademji tal-Għalliema, flimkien mal-allokkazzjoni ta' finanzjament iddedikat għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA) fil-futur. Jappella għal aktar sinerġiji bejn l-EEA, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa. Iwissi kontra t-tnaqqis fil-programm: ir-riżultati diżappuntanti miksuba fl-aħħar rawnd tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-OECD jistgħu jitreggħu lura biss permezz ta' investment fl-edukazzjoni.

Jappella għal żieda fil-baġit ta' **Ewropa Kreattiva** għall-2025 biex jiġi evitat l-impatt detrimental li l-frontloading fl-ewwel nofs taċ-ċiklu finanzjarju jista' jkollu fuq it-tieni nofs. Jinnota li l-allokkazzjoni finanzjarja attwali ma tistax tissodisfa d-domanda għolja għall-proġetti. Jisħaq fuq l-importanza li jinżamm bilanċ bejn il-fergħat: jappella għal finanzjament

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Sabine Verheyen (President u rapporteur għal opinjoni), Michaela Šojdrová (Viċi President), Andrey Slabakov (Viċi President), Tomasz Frankowski, Theodoros Zagorakis, Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva, Monica Semedo, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matic, Domènec Ruiz Devesa, Massimiliano Smeriglio, Niyazi Kizilyurek, Stelios Kouloglou, David Cormand, Marcel Kolaja, Diana Riba i Giner, Rob Rooker, Christine Anderson, Catherine Griset, Alessandro Panza, Andrea Bocskor, Vladimír Bilčík (għal Maria Walsh), Wolfram Pirchner (għal Milan Zver), Ivan Štefanec (għal Peter Pollák) u Günther Sidl (għal Victor Negrescu skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura).

adegwat tas-settur tal-mużika, u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura billi jiżdied il-Premju Melina Mercouri (il-fergħa Kultura), l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-films Ewropej, taċ-ċinema u tal-logħob vidjo (il-fergħa Media) u tal-ġurnaliżmu ta' kwalità u l-litteriżmu fil-media (il-fergħa Transsettorjali).

Jappella biex is-segretarjat tal-Bord Ewropew futur għas-Servizzi tal-Media jingħata riżorsi adegwati, f'konformità mal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media futur. Itenni l-appell li ilu jagħmel il-Parlament għal fond permanenti tal-UE għall-media editorjali u tal-aħbarijiet.

Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar finanzjament għall-**programm tal-KES**, li jinkitbu żżejjed żgħażaġh għalih, peress li żieda baġitarja b'rata fissa ma tkunx adegwata biex timmitiga r-rati tal-inflazzjoni u tnaqqas il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet parteċipanti li jikkonformaw mal-oġhla standards u l-miżuri ta' inklużjoni stabbiliti fil-programm; minħabba l-opportunitajiet li joffri liż-żgħażaġh u l-promozzjoni tal-valuri Ewropej min-naħa tiegħu, jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurati finanzjament regolari għad-detenturi tat-tikketti matul diversi snin, jiżdied l-appoġġ finanzjarju u tiġi żgurata flessibilità akbar fost il-fergħat tal-proġetti biex jiġu ffaċċjati t-talbiet dejjem akbar għas-solidarjetà wara kriżijiet rikorrenti.

Jenfasizza li għandu jiġi previst baġit proporzjonat u miżjud, peress li l-involviment taċ-Ċittadini fil-**programm CERV** huwa kruċjali biex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni soċjali, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jicċien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxiżmu.

Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja s-sistema tal-**iskejjel Ewropej** biex tippermetti standards għoljin ta' taġlim u żżid l-iskambju tal-aħjar prattiki mas-sistemi edukattivi nazzjonali.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riallokazzjonijiet, fid-dawl tar-ripagamenti obligatorji tal-NGEU, ifakkar fl-importanza ta' Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, Ewropa Kreattiva u CERV, u jappella biex isiru l-isforzi kollha possibbli ħalli jinżammu intatti l-allokazzjonijiet ta' finanzjament tal-programm taġhom ta' 7 snin.

Jenfasizza l-importanza tal-**proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji**; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurati biżżejjed finanzjament tal-proposti mressqa mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni.

Dejjem tiegħek,

Sabine Verheyen

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-President, fil-kapaċità tagħha ta' rapporteur, tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entitajiet jew persuni li għandhom jissemmew fl-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

23.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2023/2220(BUI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Diċembru 2023, il-kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Jannar 2024. Matul din il-laqgħa¹, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Salvatore De Meo

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Salvatore De Meo (President u rapporteur għal opinjoni), Gabriele Bischoff (l-1 Viċi President), Charles Goerens (it-2 Viċi President), Giuliano Pisapia (it-3 Viċi President), Loránt Vincze (ir-4 Viċi President), Gerolf Annemans, Damian Boeselager, Gilles Boyer, Ana Collado Jiménez, Jonás Fernández (għal Domènec Ruiz Devesa skont l-Artikolu 209(7)), Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Othmar Karas, Gilles Lebreton, Niklas Nienä, Max Orville, Antonio Maria Rinaldi, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon u Rainer Wieland.

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li – peress li l-2025 hija s-sena ta' wara s-Sena Elettorali Ewropea – il-komunikazzjoni u d-djalogu effettivi maċ-ċittadini għandhom ikunu fost l-oġhla prijoritajiet tal-baġit peress li t-trawwim ta' sensibilizzazzjoni dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u l-politiki tal-Unjoni huwa vitali għall-funzjonament tad-demokrazija Ewropea, flimkien mal-appoġġ tal-ħidma leġislattiva tal-kumitati tal-Parlament;
2. Jenfasizza li, sakemm jitlestew il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew – inkluża l-possibbiltà li tissejjaħ Konvenzjoni – il-baġit għall-2025 għandu jipprovdi r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura tal-bidliet fit-Trattat, u jappoġġja kampanji ta' informazzjoni, kif ukoll id-djalogu maċ-ċittadini Ewropej wara l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa; jissottolinja li r-riforma tat-Trattati hija marbuta mal-approfondiment tal-integrazzjoni politika tal-Unjoni fid-dawl ta' tkabbir futur possibbli u jirrimarka li l-isfida tat-tkabbir futur tal-UE ma tistax tintlaħaq mingħajr ma jiżdied il-baġit tal-UE u b'riżorsi proprji addizzjonali; jappella sabiex jinbdew id-diskussjonijiet dwar ir-riformi finanzjarji rilevanti fl-2025 b'mod parallel man-negozjati tal-adeżjoni li għaddejjin bħalissa;
3. Jitlob li r-riżorsi meħtieġa jiġu salvagwardjati biex jiġu miġġielda b'mod permanenti u strutturali d-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz, u biex jiġi miġġieled l-indħil barrani fl-UE; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament xieraq għall-istrutturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE li huma responsabbli għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini u għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni bħar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew/Antennae, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv;
4. Ifakkar fil-ħtieġa ta' finanzjament adegwat tal-programmi, l-attivitajiet u l-inizjattivi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, kif ukoll strumenti parteċipattivi oħra u l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, li jiffaċilitaw il-proċessi tad-demokrazija parteċipattiva fl-UE, jibnu l-fiduċja taċ-ċittadini u jgħinuhom jifhmu aħjar il-politiki tal-Unjoni; jappella sabiex isiru disponibbli mezzi biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażaġh; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi promossa linja baġitarja dwar il-kurrikulu primarju u sekondarju dimostrariv u volontarju għall-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u dik globali;
5. Jitlob riżorsi adegwati biex tiġi żgurata t-trasparenza fl-attivitajiet tal-gruppi ta' interess u tal-lobbies; jitlob, f'dan ir-rigward, li jissaħħaħ il-Kumitat Konsultattiv tal-Parlament dwar l-Imġiba tal-Membri kif ukoll is-Segretarjat Konġunt tar-Reġistru tat-Trasparenza billi jiġu pprovduti kemm persunal adegwat kif ukoll riżorsi finanzjarji biex iwettqu l-kompiti tagħhom; jissuġġerixxi wkoll li jiġu żgurati biżżejjed riżorsi għall-istabbiliment u l-funzjonament ta' korp tal-etika interistituzzjonali, proporzjonati mal-mandat u l-kompiti tiegħu, fil-każ tal-istabbiliment tiegħu;

6. Jirakkomanda li l-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej tirċievi riżorsi adegwati, b'mod partikolari għal skopijiet ta' persunal, fid-dawl tat-tkabbir sinifikanti tal-kompiti tagħha kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 u fil-kunsiderazzjoni tal-importanza tas-sena tal-elezzjonijiet Ewropej 2024 u l-ammont ta' ħidma addizzjonali li jinħoloq għall-Awtorità;
7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ddedikati riżorsi xierqa għall-azzjonijiet tal-UE biex jissaħħa l-istat tad-dritt, b'mod partikolari biex jiżiedu r-riżorsi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fid-dawl tat-tkabbir tal-kompiti tagħha kif previst mill-mandat rivedut abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555 tal-5 ta' April 2022;
8. Ifakkar fl-importanza li tissaħħa il-parteċipazzjoni tal-entitajiet lokali, il-bliet u l-irħula tal-Unjoni, lil hinn mill-bliet kapitali tal-Istati Membri fil-ħajja demokratika tal-Unjoni b'mod partikolari, u li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-BELC – *BELC - Building Europe with local Councillors*⁴¹ (Nibnu l-Ewropa ma' Kunsillieri lokali) –in-network ta' poliċi eletti lokalment bl-għan li jinfurmaw dwar l-Unjoni Ewropea permezz ta' alleanza mingħajr preċedent bejn l-istrutturi Ewropej u dawk tal-gvern lokali;
9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni japplikaw b'mod sħiħ ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jisħaq li l-fondi ma jstgħux jiġu żborżati jekk l-Istati Membri ma jkunux konformi mar-rekwiżiti kollha rilevanti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja;
10. Itenni t-talba li ilu jagħmel għal setgħat sħaħ ta' kodeċiżjoni, id-dritt ta' inizjattiva leġislattiva tal-Parlament Ewropew, u l-abolizzjoni tal-vetoes għall-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

⁴¹ https://building-europe-with-local-councillors.europa.eu/index_en

ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-President, fil-kapaċità tiegħu ta' Rapporteur għal opinjoni, jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

24.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Linji Gwida għall-Baġit 2025 – Taqsima III (2023/2220(BUI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Novembru 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2024¹. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Robert Biedroń

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Maria da Graça Carvalho, Frances Fitzgerald, Arba Kokalari, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Eleni Stavrou, Rainer Wieland, Sylvie Brunet, Samira Rafaela, María Soraya Rodríguez Ramos, Marco Zullo, Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Marina Kaljurand, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Sandra Pereira, Eugenia Rodríguez Palop, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek, Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión, Christine Anderson, Livia Járóka, Andżelika Anna Możdżanowska, Maria Veronica Rossi

SUĠĠERIMENTI

- A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi huma wieħed mill-valuri ewlenin li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u billi l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet kollha tagħha kif minquxa fl-Artikolu 8 tat-TFUE;
- B. billi l-Parlament Ewropew ripetutamente talab lill-Kummissjoni tippromwovi u timplimenta l-użu tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, u l-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni;
- C. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni ntlaqtet b'mod partikolari mid-diversi kriżijiet li qed tiffaċċja l-Unjoni, li n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat minnhom, bħall-gwerra u l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra, żieda fil-vjolenza abbażi tal-ġeneru u domestika, restrizzjonijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), rigressjonijiet kontra d-drittijiet tan-nisa, kif ukoll id-differenza persistenti bejn il-ġeneri fil-pagi;
- D. billi l-baġits qatt ma huma newtrali għall-ġeneru u għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti bl-oġettiv ċar li jinkisbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-għan li jintlaħaq kulħadd u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, inklużi n-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħhom, kif ukoll il-promozzjoni tal-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa, permezz ta' impenn tanġibbli għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;
- E. billi d-diskriminazzjoni jeħtieġ li tinqered u tiġi indirizzata b'mod effettiv mill-Istati Membri u mill-UE u billi perċentwal dejjem akbar tal-baġit tal-UE, inklużi l-Fondi Strutturali tal-UE u l-investment f'servizzi ta' kura pubblika ta' kwalità għolja u aċċessibbli, iridu jitfasslu biex jinħolqu opportunitajiet ġodda u ugwali fis-suq tax-xogħol tal-UE inkluż għal SMEs immexxija min-nisa, filwaqt li jimmiraw li jiksibu mudell ta' soċjetà ta' "indukrar indaqs u qligħ indaqs";
1. Jissottolinja li perspettiva tal-ġeneru trid tiġi integrata u evalwata fiċ-ċiklu baġitarju u fil-programmi kollha, fl-istadji kollha, u jiddispjaċih li minkejja t-talbiet ripetuti tal-Parlament Ewropew, dan l-oġettiv għadu ma ntlaħaqx; jappella għal għbir, rappurtar u evalwazzjoni sistematiċi u obbligatorji ta' data komparabbli diżaggregata skont il-ġeneru biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjonijiet obbligatorji tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari għal tqassim sħiħ tal-punteġġi fil-metodoloġija tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
 2. Jisħaq li perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u oġettivi relatati mal-ġeneru għandhom jiġu integrati fl-oqsma ta' politika u l-programmi kollha tal-UE; itenni għalhekk it-talba tiegħu għall-implimentazzjoni tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-istadji kollha tal-proċess baġitarju kif ukoll l-identifikazzjoni tal-linji baġitarji rilevanti li jippermettu l-monitoraġġ effettiv tal-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u rieżami sensitiv għall-ġeneru tal-programmi u l-infiq kollha;
 3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata aktar il-metodoloġija ta' traċċar tal-perspettiva tal-ġeneri tal-Kummissjoni tal-UE, li għandha mhux biss tidentifika l-azzjonijiet b'impatt

fuq il-ġeneru f'xi programmi tal-UE, iżda wkoll issegwi l-volum ta' finanzjament ġenerali ddedikat għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġit tal-UE;

4. Itenni l-ħtieġa li jissaħħa l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) bil-persunal u l-baġit meħtieġa biex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet mandati tiegħu u jlaħħaq ma' żieda qawwija ta' talbiet għal assistenza teknika dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; ifakkar li l-EIGE għandu rwol kruċjali fil-kondiviżjoni ta' għarfien siewi dwar is-sitwazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa fl-UE u l-għarfien espert dwar il-politika, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-analiżi sensitiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru; jirrikonoxxi l-valur tar-rapport annwali tal-EIGE li jippermetti lill-Istati Membri jidħlu fil-fond fl-aspetti sottostanti li jxekklu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jinnota li l-EIGE qed jiffaċċja talbiet dejjem jiżdiedu għas-servizzi tiegħu u jissottolinja li n-nuqqas ta' finanzjament u n-nuqqas ta' persunal tal-EIGE huma inkonsistenti mal-oġettivi u l-valuri tal-Unjoni; barra minn hekk, jenfasizza li r-rettifika tax-xejriet inkwetanti mqajma mill-EIGE tgħin lill-ekonomija Ewropea usa' ssir aktar kompetittiva, effiċjenti u reżiljenti; jisħaq fuq l-importanza li jsir użu mill-għodod eżistenti żviluppanti mill-EIGE bħas-sett ta' għodod tiegħu għall-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-istadji kollha tal-evalwazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ fil-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej;
5. Jiddispaċih dwar in-nuqqas ta' linji baġitarji speċifiċi għal miżuri ddedikati għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jisħaq fuq l-importanza li jiżdied il-finanzjament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fi ħdan il-fergħa DAPHNE, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fi ħdan il-programm CERV; jappella b'mod partikolari għal żieda fil-finanzjament għan-nisa li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna, li huma f'riskju sinifikanti ta' vjolenza; ifakkar fl-importanza li jkun hemm linji baġitarji speċifiċi relatati mal-ġeneru flimkien ma' data ċara dwar il-finanzjament allokat; itenni li din għandha tkun il-prattika għall-programmi kollha li jinkludu għanijiet relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bħall-FSE+ u jappella biex tingħata attenzjoni speċjali lill-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa f'dan il-programm u fi programmi orizzontali relatati oħra;
6. Jisħaq fuq ir-rigressjoni inkwetanti u dejjem akbar fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tan-nisa u l-importanza tal-istrumenti tal-UE biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar din is-sitwazzjoni u tiġi miġġielda; jiddispaċih li l-Kummissjoni ma inkludietx programm speċifiku dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proposta baġitarja tagħha; itenni t-tħassib tiegħu dwar l-interrelazzjoni bejn l-attakki fuq l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u r-rigress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa;
7. Jitlob lill-Kummissjoni żżid l-allokkazzjoni tal-baġit lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) fi ħdan il-programmi eżistenti, speċjalment dawk li jittrattaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), inkluż l-għoti u l-iffaċilitar tal-aċċess għal abort sikur u legali u dawk li jaħdmu fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni biex issaħħa l-istat tad-dritt u tiżgura li l-fondi tal-UE ma jkunu disponibbli għall-ebda entità li tkun implikata fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment tal-minoranzi, u fi ksur tal-istat tad-dritt, li jkollu impatt fuq il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tan-nisa, inklużi l-SRHR;

8. Jisħaq li l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri huma fil-biċċa l-kbira neqsin mill-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trasformazzjoni diġitali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u dan jirrappreżenta opportunità mitlufa biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi integrata b' mod effettiv fl-oġġettivi klimatiċi u ambjentali;

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-President jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma' f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	4.3.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 -: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Pietro Bartolo, Katalin Cseh, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Andrzej Halicki, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Hervé Juvin, Fabienne Keller, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Victor Negrescu, Bogdan Rzońca
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ana Collado Jiménez, Jonás Fernández, Jens Geier, Charles Goerens, Francisco Guerreiro, Eva Maria Poptcheva, Petri Sarvamaa
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Maria da Graça Carvalho, Enikő Győri, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemeč, Mounir Satouri, François Thiollet

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

28	+
PPE	Asim Ademov, Maria da Graça Carvalho, Ana Collado Jiménez, José Manuel Fernandes, Andrzej Halicki, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Petri Sarvamaa
Renew	Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Charles Goerens, Fabienne Keller, Moritz Körner, Eva Maria Poptcheva
S&D	Pietro Bartolo, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Eero Heinäluoma, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Victor Negrescu, Matjaž Nemeč
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Francisco Guerreiro, Mounir Satouri, François Thiollet

2	-
ID	Joachim Kuhs
NI	Hervé Juvin

2	0
ECR	Bogdan Rzońca
NI	Enikő Győri

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni